MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2019

Rikors Numru 16/2017 LM

**Miguel Degiorgio (K. I. 18859M)**

***vs.***

**(1) L-Avukat Ġenerali; u**
**(2) Diana Degiorgio (K.I. 237168M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors imressaq fl-24 ta' Marzu, 2017 mir-rikorrent **Miguel Degiorgio** (K.I. 18859M) (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrent) fejn issottometta dan li ġej:

1. *Illi l-esponent jinsab għaddej minn proċeduri ta' separazzjoni personali minn martu Diana Degiorgio quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) u dan sa mis-sena 2013 (Rik. Ġur. Nru. 13/2013 RGM) fil-kors ta' liema proċeduri ngħataw diversi provvedimenti pendente lite dwar diversi aspetti tas-separazzjoni inter alia fuq ħlasijiet ta' manteniment għaż-żewġt itfal tal-partijiet, ħlas tas-servizzi tad-dar matrimonjali u ħlas ta' spejjeż edukattivi;*

2. *Illi għall-finijiet tal-proċeduri odjerni fil-fehma tal-esponenti r-rikors u d-digrieti pendente lite rilevanti huma s-segwenti:*

   - *Rikors ta' Diana Degiorgio datat 25 ta' Ġunju 2013 dekretat finalment fit-2 ta' Diċembru 2013 (Dok. PL1);*
   - *Rikors ta' Miguel Degiorgio datat 24 ta' Frar 2014 dekretat finalment fl-24 ta' Ġunju 2014 (Dok. PL2);*
   - *Rikors ta' Miguel Degiorgio datat 27 ta' Ġunju 2014 dekretat finalment fl-1 ta' Awwissu 2014 (Dok. PL3);*
   - *Rikors ta' Diana Degiorgio datat 10 ta' Marzu 2015 dekretat finalment fit-30 ta' Marzu 2015 (Dok. PL4);*
   - *Rikors ta' Diana Degiorgio datat 26 ta' Mejju 2015 dekretat finalment fit-2 ta' Lulju 2015 (Dok. PL5);*
   - *Rikors ta' Miguel Degiorgio datat 5 ta' Awwissu 2015 flimkien ma' rikors ta' Diana Degiorgio datat 25 ta' Awwissu 2015 dekretati finalment flimkien fid-9 ta' Novembru 2015 (Dok. PL6);*
   - *Rikors ta' Miguel Degiorgio datat 23 ta' Ġunju 2015 dekretat finalment fis-26 ta' Awwissu 2016 (Dok. PL7);*

3. *Illi in suċċint kronoloġiku l-Qorti tal-Familja permezz tad-digriet tat-2 ta' Diċembru 2013 (Dok. L1) ordnat illi l-esponent iħallas €700 manteniment mensili lil martu Diana Degiorgio bħala manteniment għaż-żewġt ulied minuri tagħhom u liema ordni għall-ħlas ta' manteniment kellu jkun retroattiv sa mill-25 ta' Ġunju 2013. Oltre dan l-esponent ġie ordnat ukoll sabiex iħallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma tad-dar matrimonjali (li huwa kien ilu żmien li volontarjament ivvaka għal raġuni valida) kif ukoll sabiex iħallas l-ispejjeż kollha edukattivi tal-minuri kif ukoll il-pagamenti kollha mensili dovuti lil HSBC Bank (Malta) plc b'rifużjoni ta' self bankarju formanti parti mill-passiv tal-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet;*

4. *Illi d-digriet surriferit kien għal raġunijiet ovvji (kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża) eċċessivament oneruż għall-esponenti peress illi bl-introjtu mensili tiegħu kien impossibbli illi jeffettwa l-ħlasijiet kollha hemm ordnati. Illi per di più l-istess digriet kien minnu nnifsu leżiv tad-drittijiet fundamentali tal-esponent peress illi in konsegwenza għall-fatt illi l-ordni għall-ħlas ta' manteniment ġie magħmul b'effett retroattiv, l-esponent ġie ffaċċjat bi kwereli, proċessi u finalment kundanni kriminali għall-fatti illi fid-data meta seħħew ma kinux iġibu responsabbilità kriminali. Din il-lanjanza ġiet però eventalment indirizzata u riżolta favur l-esponent mill-Qorti tal-Appell Kriminali u għalhekk ma teħtieġx li tiġi indirizzata fil-kors tal-proċeduri odjerni.*

5. *Illi b'rikors datat 24 ta' Frar 2014 dekretat finalment fl-24 ta' Ġunju 2014 (Dok. PL2) u b'rikors ieħor datat 27 ta' Ġunju 2014 dekretat finalment fl-1 ta' Awwissu 2014 (Dok. PL3), l-esponent l-ewwel talab ir-reviżjoni tad-digriet surriferit tat-2 ta' Diċembru 2013 liema talba ġiet miċħuda, imbagħad talab permess speċjali sabiex jappella minn dan id-digriet tal-aħħar (ċaħda għat-talba ta' reviżjoni) liema talba ġiet miċħuda wkoll;*

6. *Illi kif ingħad u kif ser jirriżulta, il-mezzi tal-esponent kienu tali illi huwa seta' biss b'diffikultà kbira jħallas il-manteniment għall-ulied minuri kif ordnat mill-Qorti tal-Familja iżda xejn aktar.*

7. *Illi b'rikors datat l-10 ta' Marzu 2015 (dekretat finalment fit-30 ta' Marzu 2015) (Dok. PL4), u b'ieħor datat 25 ta' Awwissu 2015 (dekretat finalment fid-9 ta' Novembru 2015) (Dok. PL6), l-intimata Diana Degiorgio talbet rispettivament (i) sabiex mal-manteniment ta' €700 mensili li l-esponent kellu jħallas bħala 'manteniment sic et simpliciter' għall-ulied minuri tiżdied is-somma ta' €290 li kienu jirrappreżentaw arretrati ta' kontijiet għas-servizz ta' dawl u ilma fid-dar matrimonjali dan però ukoll in linja ta' manteniment, u (ii) illi l-esponent iħallas ukoll f'daqqa s-somma ta' €5,000 rappreżentanti arretrati ta' miżati skolastiċi din id-darba wkoll in linja ta' manteniment. Dawn iż-żewġ talbiet ta' mart l-esponent ġew akkolti kif dedotti.*

8. *Illi l-esponent, li kien diġà jinsab f'diffikultà kbira sabiex jonora l-ħlas ta' manteniment oriġinali skont id-digriet tat-2 ta' Diċembru 2013 issa ġie f'impossibilità assoluta illi jwettaq dak ordnat fiż-żewġ digrieti surriferiti fil-paragrafu immedjatament preċedenti għal dan u konsegwenza ta' hekk huwa ġie rinfaċċat b'numru ta' kwereli kontra tiegħu fit-termini tal-Artikolu 338(z) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta proprju minħabba l-inadempjenza tal-esponent ma' dawn iż-żewġ digrieti tal-aħħar;*

9. *Illi in konsegwenza għall-kwereli da parti ta' martu a tenur tal-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa ġie kkundannat s'issa għal erba' darbiet mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għal terminu ta' priġunerija, liema deċiżjonijiet ta' kundanna ġew debitament appellati quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u għadhom sub-judice;*

10. *Illi l-esponent jissottometti li l-applikazzjoni tal-Artikolu 338 (z) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jikkontempla kontravvenzjoni b'piena ta' priġunerija/detenzjoni għan-nuqqas ta' ħlas ta' manteniment jilledi, fiċ-ċirkostanzi partikolari suriferiti, d-drittijiet fundamentali tiegħu hekk kif enunċjati fl-Artikolu 1 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem.*

11. *Illi dan l-artikolu, li ġie ffirmat u ratifikat mill-Istat Malti u li għalhekk jifforma parti mil-liġi tagħhna hekk kif jemerġi mill-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:*

*Ħadd ma għandu jiġi pprivat mil-libertà tiegħu unikament minħabba fl-inkapaċità tiegħu li jwettaq obbligazzjoni kuntrattwali.*

12. *Illi l-esponent jikkontendi fil-każ odjern li l-fatt li huwa diġà ġie kkundannat għal termini ta' priġunerija (u l-eventwalità konkreta li jerġa' jgħaddi minn proċeduri kriminali) għal nuqqas ta' ħlas ta' manteniment skont iż-żewġ digrieti msemmija fil-paragrafu numru 8 ta' dan ir-rikors minħabba l-inabilità tiegħu li jonora l-istess huwa diametrikament oppost għall-artikolu 1 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem hawn fuq surriferit peress illi in effetti dak li qed jiġi msejjaħ 'manteniment' m'huwa xejn għajr dejn ċivili dovut lil terzi li huma kredituri tal-partijiet, liema dejn u obbligu ċivili (u naxxenti minn relazzjoni kuntrattwali) ġie però kamufat tramite d-digrieti preċitati bħala manteniment u dan fuq talba tal-intimata Diana Degiorgio.*

13. *Għalhekk, il-fatt li l-Artikolu 338 (z) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li huwa fih innifsu kontravvenzjoni li għalih hemm kontemplata piena ta' priġunerija, qiegħed jilledi d-dritt fundamentali tal-esponent meta ġie applikat kontra tiegħu fiċ-ċirkostanzi surriferiti.*

14. *Illi in sostenn tat-talba tiegħu l-esponent jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***Goktan vs Franza*** *(Applikazzjoni Nru: 33402/96) mogħtija mill-Qorti Ewropea nhar it-2 ta' Lulju 2002, fejn għalkemm dik il-Qorti ma sabitx u ma kinitx mitluba ssib vjolazzjoni kif qiegħed jagħmel l-esponent, qalet hekk:*

*"The Court has to express reservations about the imprisonment in default system as such: it constitutes an archaic custodial measure available only to the Treasury (Article 1 of Protocol No. 4, however, is not applicable, as it prohibits imprisonment for debt solely when the debt arises under a contractual obligation).*

15. *Illi abbinat ma' dan ir-raġunament, l-esponent jikkontendi wkoll illi s-sitwazzjoni odjerna twassal għal leżjoni tad-dritt tiegħu hekk kif sanċit fl-Artikolu 5(1) (b) tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu korrispettiv fil-Kostituzzjoni ta' Malta, ċioe l-artikolu 34 (1) (d) li jgħid hekk:*

*34. (1) Ħadd ma għandu jiġi pprivat mil-libertà personali tiegħu ħlief kif jista' jkun awtorizzat b'liġi fil-każijiet li ġejjin, jiġifieri –*

*(d) Fl-esekuzzjoni tal-ordni ta' qorti magħmul biex jiżgura twettiq ta' xi obbligu impost lilu b'liġi."*

16. *Illi dan qiegħed jingħad għaliex ir-raison d'etre ta' dik id-deroga hija sabiex tiġi żgurata obbligazzjoni. Jekk jiġi nieqes dan l-element minħabba impossibilità li tali obbligazzjoni tiġi mwettqa allura jiġi nieqes dan l-element u l-karattru ta' din l-eżenzjoni jinbidel. Fid-dawl taċ-ċirkostanzi odjerni, l-esponent jikkontendi li dan l-artikolu spiċċa sempliċiment b'karattru punittiv.*

17. *Illi f'dan ir-rigward l-esponent jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Vasileva vs Danimarka** (Applikazzjoni Nru: 52792/99) mogħtija mill-Qorti Ewropea nhar il-25 ta' Settembru 2003 fejn reġa' ġie ribadit is-segwenti kunċett:*

*"36. The Court recalls that detention is authorised under sub-paragraph (b) of Article 5 § 1 only to "secure the fulfilment" of the obligation prescribed by law. It follows that, at the very least, there must be an unfulfilled obligation incumbent on the person concerned and the arrest and detention must be for the purpose of securing its fulfilment and not punitive in character. As soon as the relevant obligation has been fulfilled, the basis for detention under Article 5 § 1 (b) ceases to exist.*

*37. Finally, a balance must be drawn between the importance in a democratic society of securing the immediate fulfilment of the obligation in question, and the importance of the right to liberty (see inter alia **Nowicka v. Poland,** no. 30218/96, § 61, 3 December 2002, unreported, **B. V. France**, no. 10179/82, Commission dec. 13 May 1987, Decisions and Reports (DR) 52, p. 111, and **Reyntjens v. Belgium,** no. 16810/90, Commission dec. 9 September 1992, DR 73, p. 136). The duration of detention is also a relevant factor in drawing such a balance (see **McVeigh and Others v. The United Kingdom,** applications nos. 8022/77, 8025/77, 8027/77, Commission decision of 18 March 1981, DR 25 pp. 37-38 and 42; **Johansen v. Norway,** application no. 10600/83, Commission decision of 14 October 1985, DR 44, p. 162). **(enfasi tal-esponent).***

18. *Illi għalhekk l-esponent jikkontendi illi fil-każ partikolari tiegħu, il-piena kontemplata fl-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, meta tirriżulta l-impossibilità ta' ħlas tal-manteniment kif ordnat fid-digrieti msemmija fil-paragrafu 8 hawn aktar 'il fuq jilledi d-dritt fundamentali tar-rikorrent hekk kif sanċit fl-artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu korrispettiv fil-Kostituzzjoni ta' Malta ċioe l-artikolu 34(1) (d) u dan għaliex il-karattru tal-artikolu isir merament punittiv.*

*Għaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

i) *Tiddikjara illi fil-każ preżenti tal-esponent, l-applikazzjoni tal-artikolu 338 (z) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tenut kont li dan effettivament jikkontempla detenzjoni/priġunerija minħabba nuqqas ta' ħlas ta' dejn ċivili, jilledi d-dritt fundamentali tal-esponent fosthom l-artikolu 1 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u/jew l-artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu korrispettiv fil-Kostituzzjoni ta' Malta ċioe l-artikolu 34 (1)(d);*

ii) *Tagħti dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa għat-twettiq ta' dawn id-drittijiet fundamentali fuq imsemmija, fosthom li tiddikjara illi l-piena inflitta f'każ ta' sejbien ta' ħtija taħt l-artikolu 338 (z) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta m'għandhiex tinkludi detenzjoni / priġunerija meta jirriżulta kjarament li l-akkużat ikun finanzjarjament fl-impossibilità li jħallas u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.*

Rat ir-Risposta tal-intimat **Avukat Ġenerali**, (minn issa 'l quddiem "l-intimat Avukat Ġenerali"), li ġiet ippreżentata fid-19 ta' April, 2017, fejn eċċepixxa:

1. *Illi fl-ewwel lok ir-rikorrent ma jistax jallega li ġarrab ksur tal-artikolu 1 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, tal-artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew tal-artikolu 34(1)(d) tal-Kostituzzjoni ta' Malta għaliex huwa effettivament għadu ma ġiex imċaħħad mil-libertà tiegħu permezz ta' xi sentenza mogħtija mill-Qrati. F'dan ir-rigward għalhekk l-ilment tar-rikorrent huwa wieħed intempestiv;*

2. *Illi bla ħsara għall-premess ir-rikorrent ma jistax jinvoka ksur tal-artikolu 1 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għaliex f'dan il-każ ma hemm involuta l-ebda obbligazzjoni kuntrattwali. Kif ġie mfisser f'partita 4 tal-kummentarju u r-rapport spjegattiv għal dan il-Protokoll, imħejji mill-Kumitat tal-Esperti fil-Jeddijiet tal-Bniedem (Dok. AG1), "Such obligations must, however, arise out of contract. This Article does not apply to obligations arising from legislation in public or private law."*

   *Tassew il-proċeduri kriminali li qed iħabbat wiċċu magħhom ir-rikorrent mhumiex imnissla minn xi kuntratt jew minn xi ftehim iżda huma konsegwenza ta' nuqqas ta' ħarsien ta' ordni tal-Qorti, liema ordni nħarġet fuq is-saħħa ta' liġi;*

3. *Illi f'kull każ safejn ir-rikorrent qiegħed jattakka l-liġi nnifisha, tajjeb li jiġi rilevat li l-piena stabbilita mil-liġi, f'każ ta' sejbien ta' ħtija tal-kontravvenzjoni kontemplata fl-artikolu 338(z) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ma twassalx awtomatikament għal detenzjoni jew priġunerija kif donnu jimplika r-rikorrent fir-rikors kostituzzjonali tiegħu;*

*Kemm hu hekk, jekk wieħed iħares lejn l-artikolu 7(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta wieħed isib li l-piena għall-kontravvenzjoni in kwistjoni tista' tvarja bejn (i) detenzjoni (li skont l-artikolu 12(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma tistax taqbeż ix-xahrejn), (ii) ammenda (li skont l-artikolu 13 (1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma tistax tkun aktar għolja minn €58.23) (iii) ċanfira u twiddiba. Jiġifieri l-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali mhumiex marbutin ex lege li bilfors jerogaw piena ta' detenzjoni jekk isibu lil xi ħadd ħati li naqas milli jimpenja ruħu fil-ħlas tal-manteniment. Anzi l-qrati huma fil-libertà li jiddeċiedu bil-kejl għaqli tagħhom liema piena hija l-aktar xierqa għaċ-ċirkostanzi tal-każ;*

*Anki fil-qagħda ta' reċidiva, it-tieni proviso tal-artikolu 338 (z) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jħalli fl-għażla ħielsa tal-Qorti li tiddeċiedi jekk għandux ikun hemm piena ta' ċaħda tal-libertà tal-ħati jew le. Mhux hekk biss, f'kull ċirkostanza l-Qorti tista' wkoll tmur għal-liberazzjoni assoluta jew kundizzjonata skont l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Jiġi b'hekk li r-rikorrent huwa għal kollox żbaljat meta jipprova jagħti l-impressjoni li l-ksur tal-kontravvenzjoni tal-artikolu 338 (z) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jwassal b'mod awtomatiku għat-tneħħija tal-libertà tiegħu. Xhieda ta' dan huwa l-fatt stess li meta r-rikorrent instab ħati mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-25 ta' Marzu 2015 (Dok. AG2) talli ma ħallasx fil-ħin il-manteniment bejn ix-xhur ta' Ġunju 2013 u Frar 2014, huwa ma ġiex mibgħut il-ħabs iżda anzi ġie lliberat taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena;*

4. *Illi r-rikorrent lanqas ma huwa korrett meta jgħid li l-uniku għan wara l-artikolu 338 (z) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa li jikkastiga lil min ma josservax l-obbligi tiegħu tal-ħlas tal-alimenti. Infatti l-prassi forensika segwita mill-Qrati tagħna kienet dejjem li huma ma jitfgħux nies il-ħabs jekk dawn fil-frattemp jilħqu jħallsu l-arretrati tal-manteniment. F'dan is-sens allura l-interpretazzjoni tal-liġi mogħtija mill-Qrati tagħhna lill-artikolu 338 (z) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta timxi a pari passu mat-tagħlim ħiereġ mis-sentenza* ***Vasileva v. Id-Danimarka,*** *ċitata mir-rikorrenti fir-rikors kostituzzjonali tiegħu;*

5. *Illi fuq kollox l-artikolu 338 (z) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta irid jinqara wkoll fil-kuntest tal-artikoli 21 u 985 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Wisq loġikament ħadd ma jista' jiġi mġiegħel jagħmel l-impossibbli, b'dana li jekk ikun hemm bdil fiċ-ċirkostanzi, min ikun mgħobbi bl-obbligu tal-ħlas tal-manteniment dejjem ikun jista' jadixxi quddiem il-Qorti tal-Familja biex jinħeles minn dan l-obbligu tiegħu jew li tiġi mnaqqsa r-retta alimentari. Jekk huwa jiġi hekk meħlus jew imtaffi mill-piż tal-manteniment allura dak li jkun ma jibqax aktar espost għall-proċeduri kriminali abbażi tal-artikolu 338(z) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Ifisser dan, li jekk persuna li tkun ġiet ordnata mill-Qorti li tħallas ammont partikolari ta' manteniment, tiġi f'qagħda li ma tistax tonora aktar dawk l-obbligi tagħha, allura hija dejjem tista' titlob it-tneħħija jew it-tnaqqis ta' dak l-obbligu. Bilkemm għandu għalfejn jingħad hija l-Qorti tal-Familja li hija l-forum idoneu li għandha teżamina l-mezzi u l-qagħda finanzjarja ta' min għandu jagħti l-manteniment;*

6. *Illi mingħajr ħsara għas-suespost, speċifikament b'rabta mal-artikolu 1 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, tajjeb li jingħad li kif ġie mfisser f'partita 5 tal-kummentarju u r-rapport spjegattiv għal dan il-Protokoll (Dok. AG1), iċ-ċaħda tal-libertà mhijiex projbita:*

   - *If a debtor acts with malicious or fraudulent intent;*
   - *If a person deliberately refuses to fulfil an obligation, irrespective of his reasons therefore;*
   - *If inability to meet a commitment is due to negligence.*

   *Għalkemm fis-sejbien ta' ħtija tal-kontravvenzjoni tal-artikolu 338 (z) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta hemm il-prospettiva ta' detenzjoni u anke ta' priġunerija f'każ ta' reċidiva, dan ma jfissirx b'daqshekk li tali piena jew tali liġi hija bi vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Dan għar-raġuni li kif fuq spjegat il-kolpevolezza ta' din il-kontravvenzjoni ma twassalx awtomatikament għaċ-ċaħda tal-libertà minħabba li l-Qorti għandha diskrezzjoni ħielsa fl-għażla tal-piena, dejjem skont iċ-ċirkostanzi u l-fattizzi tal-każ in kwistjoni;*

   *Għaldaqstant mill-aspett oġġettiv u ġeneriku ma hemm xejn ħażin kontra r-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jekk il-liġi tippermetti l-erogar ta' piena ta' detenzjoni jew ta' priġunerija f'każ ta' ksur ripetittiv tal-artikolu 338 (z) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

7. *Illi għalhekk dak li jmiss li jiġi eżaminat huwa jekk issa mill-aspett soġġettiv u speċifiku għall-każ in eżami, l-applikazzjoni tal-artikolu 338 (z) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tar-rikorrent f'dan il-każ, wasslitx jew tistax twassal għall-ksur tal-artikolu 1 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;*

   *F'dan ir-rigward tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu li l-artikolu 1 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jgħodd biss fejn ikun hemm inabilità li jiġi mwettaq obbligu kuntrattwali u mhux sempliċiment meta jkun hemm diffikultà. Għalhekk biex ir-rikorrent jirnexxi fl-ilment tiegħu irid iseħħlu jipprova li huwa verament kien fl-impossibilità li jħallas il-manteniment;*

*F'dan il-każ ir-rikorrent ma jirnexxilux jipperswadi lill-Qorti tal-Familja li jinsab f'qagħda finanzjarja mwiergħa. Għalhekk dan ifisser biss li huwa kapaċi jħallas il-manteniment u l-esponent ma jarax kif dina l-Onorabbli Qorti għandha tiddeċiedi mod ieħor;*

8. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess ir-riferenza li r-rikorrent għoġbu jagħmel għall-każ ta'* ***Goktan vs. Franza*** *ma hi ta' ebda fejda għalih għaliex apparti li f'dan il-każ ma kien hemm l-ebda talba għal sejbien ta' vjolazzjoni tal-artikolu 1 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Qorti Ewropea kkummentat biss en passant fuq dan l-artikolu, tajjeb li jingħad li ċ-ċirkostanzi ta' dak il-każ kienu ferm differenti minn dak odjern. Fis-sewwa l-esponenti jħossu li għal dan il-każ aktar japplika dak li ntqal mill-Kummissjoni fis-sentenza* ***Christakis vs. Ċipru****, tal-21 ta' Mejju 1997, "that, in accordance with its case-law, it is not prohibited under this provision to imprison a person if there are reasons apart from the material incapacity to fulfil contractual obligations, e.g. if the person concerned deliberately refuses to fulfil an obligation (No. 5025/71, Dec. 18.12.71, Yearbook 14 p. 692; No. 5067/71, Dec. 18.12.71, unpublished);"*

9. *Illi, dejjem mingħajr ħsara għal dak fuq imsemmi, l-esponent jinsab xi ftit perpless kif ir-rikorrent qiegħed jargumenta ksur tal-artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 34(1)(d) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Dan mhux biss għar-raġuni li sa issa huwa għadu ma rċieva l-ebda sentenza li ċaħditlu b'mod effettiv il-libertà tiegħu iżda anke għaliex dawn il-provvedimenti proprju jawtorizzaw il-privazzjoni tal-libertà jekk xi ħadd jonqos milli jħares l-ordni ta' qorti. F'dan ir-rigward il-ħlas tal-manteniment lil uliedu ġie proprju ordnat minn qorti;*

   *Jiġifieri, jekk fl-eventwalità li qorti fil-futur tħoss opportun li għandha tinfliġġi piena ta' detenzjoni jew ta' impriġunerija fuq ir-rikorrent minħabba nuqqas ripetittiv ta' ħlas ta' manteniment da parti tiegħu, hija tkun qed timxi in linea mal-artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 34(1)(d) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, meqjus li d-deprivazzjoni tal-libertà tiegħu tkun marbuta ma' nuqqas ta' ħarsien ta' ordni tal-Qorti. Dan fl-isfond ukoll li sa issa ma hemmx sentenza jew dikriet tal-Qorti tal-Familja li turi li r-rikorrenti mhuwiex kapaċi jħallas l-arretrati tal-manteniment;*

10. *Illi fi kwalsiasi każ irrispettivament mill-artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 34(1)(d) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, jekk ikun hemm sentenza ta' detenzjoni/priġunerija ġejja mill-Qorti, allura dik il-privazzjoni tal-libertà, ladarba tkun ġejja min qorti wara proċess li wassal għal sejbien ta' ħtija, allura tali detenzjoni/priġunerija tkun leġittimata skont l-artikolu 5(1)(a) tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 34 (1)(b) tal-Kostituzzjoni ta' Malta rispettivament;*

11. *Illi l-esponent jagħlaq billi jtenni li mhuwiex xieraq, jekk ir-rikorrent verament irid il-ġid għal uliedu, li jinqeda b'dawn il-proċeduri kostituzzjonali, sabiex jipprova jinħeles jew jipposponi l-obbligu tiegħu li jħallas l-alimenti lil uliedu skont l-artikoli 3B, 7 u 20 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Għaldaqstant fid-dawl tas-suespost l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu.*

Rat ir-Risposta tal-intimata **Diana Degiorgio** (minn issa 'l quddiem "l-intimata"), li ġiet ippreżentata fl-10 ta' Mejju, 2017, fejn eċċepiet:

1. *Illi għandu jingħad umilment fl-ewwel lok illi r-rikors promutur huwa intiż unikament sabiex jiddelunga proċeduri sabiex l-esponenti tkun tista' tenforza digrieti għall-manteniment ta' ulied il-kontendenti u dana peress illi tali proċeduri jinsabu sospiżi pendenti l-eżitu tal-azzjoni odjerna;*

2. *Illi l-esponenti taqbel mal-osservazzjoni tal-intimat Avukat Ġenerali li jirrileva fl-ewwel premessa tiegħu illi r-rikorrent għadu ma ġiex imċaħħad mil-libertà tiegħu u li l-ilment huwa għalhekk wieħed intempestiv u tkompli żżid ma' dan billi tagħmel referenza għat-test ta' Harris, O'Boyle & Warbrick illi fir-rigward ta' ilmenti bbażati fuq l-Artikolu 5 jitkellmu speċifikament fuq "a person in detention".*[1]

3. *Illi r-rikorrent huwa żbaljat meta huwa jinvoka ksur tal-Artikolu 1 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għaliex fil-każ in eżami ma jikkontempla l-ebda kuntratt. L-obbligu tar-rikorrent jirriżulta minn digriet tal-Qorti naxxenti mid-dispożizzjonijiet tal-Liġi ossia l-artikolu 3B – inter alia – tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

4. *Illi mhuwiex minnu li r-rikorrent jinstab fl-impossibilità illi jħallas kif sejjer jirriżulta matul it-trattazzjoni tal-kawża odjerna.*

5. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost it-talbiet tar-rikorrent mhumiex eżegwibbli kontra l-esponenti għaliex kwalsiasi rimedju mitlub għandu – se mai – ikun ipprovdut mill-Istat u mhux mill-esponenti.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

[1] David John Harris, Michael O'Boyle & Colin Warbrick, *Law of the European Convention on Human Rights (*Buttersworths, 1995), 97.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-28 ta' Ġunju 2019, fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Ir-rikorrent jallega ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu, partikolarment dawk protetti bis-saħħa tal-Ewwel Artikolu tar-Raba' Protokoll li in suċċint jgħid li ħadd ma jista' jintbagħat il-ħabs minħabba dejn ċivili, kif ukoll dawk protetti taħt l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea, li huma marbuta mal-ħarsien tal-individwu minn arrest arbitrarju.

Bejn ir-rikorrent u l-intimata Diana Degiorgio hemm għaddejjin proċeduri ta' separazzjoni personali, li ilhom li nbdew mis-sena 2013, u f'dan il-perijodu ta' żmien ingħataw diversi digrieti u provvedimenti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) sabiex jirregolaw diversi aspetti tas-separazzjoni bejn il-partijiet, partikolarment il-kwistjoni tal-manteniment *pendente lite,* anki għax il-partijiet għandhom żewġt itfal minuri li baqgħu jgħixu mal-omm fid-dar matrimonjali tal-partijiet. B'digriet tal-Qorti tal-Familja tat-2 ta' Diċembru, 2013, ir-rikorrent ġie ordnat iħallas manteniment fl-ammont ta' seba' mitt Euro (€700) fix-xahar lill-intimata bħala manteniment għall-ulied minuri tagħhom, kif ukoll ġie ordnat iħallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma tad-dar fejn baqgħet tirrisjedi l-intimata flimkien mal-ulied minuri tal-partijiet, l-ispejjeż tal-edukazzjoni ta' wlied il-partijiet li dak iż-żmien kienu t-tnejn li huma jattendu skola privata, u s-self bankarju li l-partijiet kienu kkontrattaw. Ir-

rikorrent jallega li kien impossibbli għalih li jottempera ruħu ma' din l-ordni tal-Qorti minħabba li l-introjtu tiegħu ma kienx suffiċjenti biex jeffettwa l-ħlasijiet li ordnatlu jħallas il-Qorti. Fuq ammissjoni tar-rikorrent stess, huwa beda jgħaddi lil martu ħlas għall-manteniment tal-ulied minuri tal-partijiet f'ammont li kien inqas mis-seba' mitt Euro (€700) fix-xahar li ordnatlu jħallas il-Qorti, filwaqt li naqas milli jagħmel il-ħlasijiet l-oħra li l-Qorti tal-Familja ordnatlu jħallas. Dan wassal għal sitwazzjoni fejn l-intimata ġiet mhedda diversi drabi li s-servizz tad-dawl u l-ilma tad-dar fejn tgħix ma' wliedha ser jinqata'. Barra minn hekk l-ammont ta' pendenzi f'miżati tal-iskola mhux imħallsa kien sostanzjali b'tali mod li wlied il-partijiet kienu mhedda li setgħu jitkeċċew mill-iskola privata fejn kienu jattendu.

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Familja fit-30 ta' Marzu, 2015, u permezz ta' digriet ieħor tad-9 ta' Novembru, 2015, il-Qorti ordnat lir-rikorrent jibda jħallas manteniment fl-ammont ta' disa' mija u disgħin Euro (€990) fix-xahar, sabiex mal-manteniment għall-ulied minuri tal-partijiet, ir-rikorrent jibda jħallas l-ammont ta' mitejn u disgħin Euro (€290) fix-xahar għall-arretrati tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma li minkejja li l-Qorti ordnatlu jibda jħallas, ir-rikorrent baqa' jinsisti li huwa m'għandux il-mezzi biex iħallashom, kif ukoll għall-pendenzi tal-miżati tal-iskejjel ta' wliedhom. Ir-rikorrent, li dejjem sostna li huwa m'għandux il-mezzi finanzjarji biex iħallas l-ammonti li l-Qorti tal-Familja ordnatlu jħallas, u per konsegwenza naqas għal darb'oħra li jottempera ruħu ma' dawn l-ordnijiet tal-Qorti, kellu jwieġeb għal għadd ta' kwereli li saru fil-konfront tiegħu *ai termini* tal-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li wħud minnhom ġew deċiżi u appellati mir-rikorrent.

Il-lanjanza kostituzzjonali odjerna nbdiet wara li l-Qorti tal-Appell Kriminali ssospendiet il-proċeduri pendenti quddiemha, sakemm ikun hemm eżitu finali

għal dawn il-proċeduri, fejn ir-rikorrent qiegħed jilmenta li l-mod kif il-Qorti tal-Familja inkludiet djun ċivili dovuti lil terzi, bħall-kontijiet tad-dawl u l-ilma u l-miżati tal-iskejjel, mal-'manteniment' li r-rikorrent huwa obbligat iħallas għal uliedu minuri, qiegħed jilledi d-drittijiet fundamentali tiegħu. L-ilmenti ewlenin tar-rikorrent huma li l-applikazzjoni tal-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għaċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ tiegħu, tilledi d-drittijiet fundamentali tiegħu, tenut kont li l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu tal-Kodiċi Kriminali għaċ-ċirkostanzi tar-rikorrent, esponietu għal sentenza ta' priġunerija minħabba n-nuqqas ta' ħlas ta' dejn ċivili, liema dejn ir-rikorrent jgħid li huwa jinsab fl-impossibilità finanzjarja li jħallas.

L-intimat Avukat Ġenerali wieġeb li sa fejn ir-rikorrent għadu mhux qiegħed jiskonta sentenza effettiva ta' priġunerija, l-ilment odjern huwa wieħed intempestiv.[2] Inoltre l-Avukat Ġenerali eċċepixxa li f'dan il-każ m'hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 1 tar-Raba' Protokoll, minħabba li ma kien hemm ebda obbligazzjonijiet kuntrattwali li r-rikorrent ma setax iħallas għalihom, iżda kuntrarju għal dak allegat mir-rikorrent, il-proċeduri kriminali li dan qiegħed jiffaċċja huma konsegwenza ta' nuqqas ta' ħarsien minnu ta' ordni tal-Qorti. L-Avukat Ġenerali eċċepixxa wkoll li l-Qrati Maltin għandhom diskrezzjoni wiesgħa meta jiġu biex jistabbilixxu l-piena idonea għaċ-ċirkostanzi tal-każ li jkollhom quddiemhom meta persuna tinstab ħatja ta' ksur tal-artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali, u l-piena imposta mill-Qorti mhux neċessarjament tkun waħda karċerarja, iżda tista' tkun twiddiba u ċanfira jew il-ħlas ta' ammenda. Intqal ukoll li r-rikorrent kellu diversi għażliet quddiemu, fosthom li jagħmel talba lill-Qorti tal-Familja sabiex id-digrieti li huwa jħoss li kienu onerużi wisq fuqu, jiġu varjati, u li persuna ma tistax tinvoka ħarsien taħt l-Ewwel Artikolu

[2] Din l-eċċezzjoni ġiet irtirata mill-avukat difensur tal-intimat Avukat Ġenerali waqt it-trattazzjoni finali tal-kawża.

tar-Raba' Protokoll f'każ fejn din deliberatament tonqos milli tagħmel tajjeb għal xi obbligazzjoni. L-Avukat Ġenerali eċċepixxa wkoll li l-Artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 34(1)(d) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ma japplikawx għaċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, minħabba li r-rikorrent naqas li jobdi ordni imposta fuqu mill-Qorti.

L-intimata Diana Degiorgio eċċepiet li dan ir-rikors sar mir-rikorrent sabiex ikompli jiddelunga proċeduri mibdija minnha li permezz tagħhom hi qiegħda tfittex li tinforza digrieti fir-rigward tal-ħlas tal-manteniment dovut mir-rikorrent skont diversi digrieti tal-Qorti. L-intimata eċċepiet ukoll li l-obbligazzjoni tar-rikorrent tirriżulta minn digriet tal-Qorti naxxenti mill-artikolu 3B tal-Kapitolu 16 u mhux minn xi obbligazzjoni kuntrattwali kif qiegħed jipprova jsostni r-rikorrent.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Ir-rikorrent ppreżenta kopji ta' diversi rikorsi bid-digrieti relattivi mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fir-rigward tal-proċeduri ta' separazzjoni li għadhom pendenti bejn il-partijiet, fosthom ir-rikors ippreżentat mill-intimata Diana Degiorgio quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fil-25 ta' Ġunju, 2013[3]; kopja tad-digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) mogħti fit-2 ta' Diċembru, 2013[4]; kopja tar-rikors tar-rikorrent tal-24 ta' Frar, 2014 flimkien

[3] *A fol.* 9 tal-proċess.

[4] *A fol.* 12 tal-proċess. Permezz ta' dan id-digriet, il-Qorti ordnat lil Miguel Degiorgio jħallas lill-intimata bħala manteniment *pendente lite* għaż-żewġ uliedhom minuri s-somma ta' seba' mitt Euro (€700) fix-xahar b'effett mill-25 ta' Ġunju, 2013; ordnat lil Miguel Degiorgio sabiex *pendente lite* jħallas żewġ terzi (2/3) tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma tad-dar matrimonjali fejn tgħix l-intimata flimkien mal-ulied minuri tal-partijiet; ordnat lil Miguel Degiorgio sabiex *pendente lite* jħallas il-pagamenti mensili dovuti lil HSBC Bank Malta p.l.c. b'rifużjoni ta' self bankarju, liema pagamenti jammontaw għas-somma ta' erba' mija u seba' Euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€407.33) fix-xahar; u ordnat lil Miguel Degiorgio sabiex *pendente lite* jħallas il-miżati tal-iskola privata u l-ispejjeż edukattivi anċillari tal-ulied minuri tal-partijiet.

ma' kopja tad-digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) mogħti fl-24 ta' Ġunju, 2014 fir-rigward tar-rikors tar-rikorrent tal-24 ta' Frar, 2014[5]; kopja tar-rikors ulterjuri tar-rikorrent tas-27 ta' Ġunju, 2014[6], flimkien ma' kopja tad-digriet tal-istess Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fir-rigward tar-rikors tar-rikorrent tas-27 ta' Ġunju, 2014.[7] Ir-rikorrent ippreżenta wkoll kopja ta' rikors urġenti li tressaq mill-intimata Diana Degiorgio fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fl-10 ta' Marzu, 2015[8], flimkien ma' kopja tad-digriet relattiv mogħti mill-Qorti fit-30 ta' Marzu, 2015[9]; kopja ta' rikors ulterjuri intavolat mill-intimata Diana Degiorgio fis-26 ta' Mejju, 2015[10], flimkien mal-kopja tad-digriet relattiv tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) tat-2 ta' Lulju, 2015[11]; kopja ta' rikors tar-rikorrent tal-5 ta' Awwissu, 2015; kopja tar-rikors urġenti tal-intimata tal-25 ta' Awwissu, 2015[12] u kopja tad-digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) tad-9 ta' Novembru, 2015.[13] Ir-rikorrent ippreżenta wkoll kopja ta' digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) tas-26 ta' Awwissu, 2016, fejn il-Qorti varjat id-digrieti preċedenti tagħha, u ordnat illi r-rikorrent Miguel Degiorgio għandu jħallas lill-intimata Diana Degiorgio manteniment *pendente lite* fl-ammont ta' tliet mija u ħamsin Euro (€350) fix-xahar għal kull wieħed mill-ulied minuri tal-partijiet, b'dan illi b'effett mill-25 ta' Ġunju, 2017, dan il-manteniment jiżdied skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u hekk jibqa' jiżdied kull sena, ġiet ikkonfermata ċ-ċaħda tal-manteniment għal Diana Degiorgio personalment, ġie ordnat illi l-kontijiet tad-dawl u l-ilma tad-dar matrimonjali tal-partijiet, li baqgħet tgħix fiha l-intimata Diana Degiorgio għandha tagħmel tajjeb għalihom hi esklussivament, kif ukoll ġie ordnat li l-pagamenti mensili dovuti lil HSBC Bank

[5] *A fol.* 17 u *a fol.* 24 tal-proċess.
[6] *A fol.* 28 tal-proċess.
[7] *A fol.* 32 tal-proċess.
[8] *A fol.* 38 tal-proċess.
[9] *A fol.* 40 tal-proċess.
[10] *A fol.* 43 tal-proċess.
[11] *A fol.* 45 tal-proċess.
[12] *A fol.* 49 tal-proċess.
[13] *A fol.* 54 tal-proċess.

Malta plc u l-pagamenti dovuti lil San Anton School għandhom jibdew jitħallsu kwantu għal nofs mir-rikorrent u nofs mill-intimata.

Min-naħa tiegħu l-intimat **Avukat Ġenerali** ppreżenta kopja tar-rapport spjegattiv għar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea[14], flimkien ma' kopja ta' deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Marzu, 2015 fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* Miguel Degiorgio**[15], fejn il-Qorti varjat is-sentenza appellata u rrevokata inkwantu kienet sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u kkundannatu għall-piena ta' xahar priġunerija, u minflok sabitu ħati talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bejn ix-xhur ta' Diċembru 2013 sa Frar 2014, meta hekk ordnat minn Qorti, naqas li jagħti lil martu Diana Degiorgio għal uliedhom is-somma ffissata minn dik il-Qorti bħala manteniment għall-ulied fi żmien ħmistax (15)-il jum minn dak il-jum li fih kellha titħallas dik is-somma, u lliberatu bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor sa żmien sena mid-data tas-sentenza. Inoltre l-Qorti ordnat lir-rikorrent iħallas lill-intimata s-somma ta' €600 rappreżentanti l-bilanċ ta' manteniment dovut għax-xhur ta' Diċembru 2013, Jannar 2014 u Frar 2014, fi żmien xahar mid-data tas-sentenza.

Permezz ta' nota tat-18 ta' Ottubru 2017, ir-rikorrent ippreżenta kopja ta' *affidavit* tiegħu[16], flimkien ma' vera kopja tal-atti relattivi għall-appelli kriminali 211/16, 212/16, 556/16 u 557/16.[17]

---

[14] *A fol.* 74 tal-proċess.
[15] *A fol.* 82 tal-proċess.
[16] *A fol.* 91 tal-proċess.
[17] *A fol.* 96 *et seq.* tal-proċess.

Fl-*affidavit* tiegħu r-rikorrent qal li huwa għandu s-sengħa ta' mastrudaxxa, u huwa direttur tal-kumpannija Top Drawer Limited bi sħab ma' ċertu Adrian Bartolo. Qal li l-kumpannija Top Drawer Limited hija kumpannija żgħira ffukata fuq il-kwalità tal-prodott għas-suq lokali, u hu u Adrian Bartolo kienu bdew din il-kumpannija fis-sena 1997 minn post mikri lilhom fil-Mosta. Spjega li sabiex setgħu jidħlu f'dan is-suq partikolari, huma kellhom jagħmlu diversi sagrifiċċji u jaħdmu sigħat twal, u minkejja li l-kumpannija kienet ilha mwaqqfa mal-għoxrin sena, din kienet għadha qiegħda tikber bil-mod. Qal ukoll li l-profitti rreġistrati minn din il-kumpannija huma minimi ħafna, u għal numru twal ta' snin huwa kien qiegħed jirċievi biss salarju mix-xogħol tiegħu f'din il-kumpannija li kien ta' madwar €1,000 jew €1,100 fix-xahar. Qal li fl-istess żmien, il-mara tiegħu Diana kienet impjegata *full-time* ma' kumpannija tar-reklamar, u minkejja li din kellha salarju viċin ħafna ta' dak li kien qiegħed jaqla' r-rikorrent, huwa kien qabel li jħallasha madwar €500 fix-xahar, anki qabel kien hemm digriet tal-Qorti li kellu jirregola l-manteniment. Qal li minbarra dan il-ħlas tal-manteniment, huwa kien iħallas ukoll kontijiet oħra fid-dar, bħad-dawl u l-ilma u l-kontijiet għas-servizz tal-*internet* u t-telefonija. Ir-rikorrent qal li huwa dejjem ipprova jikkontribwixxi għall-ħlas tal-miżati tal-iskejjel tal-ulied minuri tal-partijiet, anki jekk huwa kien jagħmel dan tardivament. Qal li minkejja li huwa kien direttur ta' kumpannija, lanqas kont bankarju f'ismu m'għandu, minħabba li ma jirnexxielu jfaddal xejn mis-salarju tiegħu. Spjega li huwa kien jgħix minn dak li kien idaħħal bħala salarju, kif ukoll minn self bankarju li kien jagħmel anki permezz ta' faċilitajiet bħal *credit cards*. Min-naħa l-oħra, qal ir-rikorrent, l-intimata kellha diversi kontijiet ta' tfaddil f'banek lokali, li kienet iżżomm mistura mir-rikorrent. Ir-rikorrent qal li meta bdew il-proċeduri ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet, ingħatat l-impressjoni lill-Qorti mill-intimata li huwa xi direttur ta' kumpannija sinjur, li

kien qiegħed idawwar profitti kbar għalih, u konsegwenza ta' hekk f'Diċembru tal-2013 huwa kien ġie ordnat iħallas manteniment ta' seba' mitt Euro (€700) fix-xahar għaż-żewġt itfal minuri tal-partijiet. Kompla jgħid li l-Qorti kienet ordnatlu wkoll jagħmel tajjeb għall-ispejjeż marbuta mal-edukazzjoni tal-ulied minuri tal-partijiet u għad-djun kollha kkontrattati mill-partijiet tul iż-żwieġ, bħall-faċilità tal-Flexicredit, u s-self bankarju. B'żieda ma' dan, kompla jgħid ir-rikorrent, il-Qorti ordnatlu wkoll iħallas żewġ terzi (2/3) tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma tad-dar matrimonjali li huwa ma kienx għadu joqgħod fiha aktar. Żied jgħid li dak id-digriet ġabu f'sitwazzjoni mwiergħa minħabba li ma kienx hemm mod kif huwa seta' jagħmel tajjeb għall-ħlasijiet li ġie ordnat iħallas. Qal li b'xi mod huwa kien qiegħed jirnexxilu jħallas l-ammont ta' seba' mitt Euro (€700) fix-xahar bħala manteniment, iżda kien impossibbli għalih li jlaħħaq mal-ħlasijiet l-oħra kollha li l-Qorti ordnatlu jħallas. Qal li wara li l-intimata kienet għamlet rikors ieħor, il-ħlasijiet tal-arretrati tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma li r-rikorrent kien ordnat iħallas b'digriet preċedenti tal-Qorti, żdiedu mal-manteniment li huwa kien obbligat iħallas, b'mod li b'hekk huwa kien obbligat iħallas l-ammont ta' disa' mija u disgħin Euro (€990) manteniment fix-xahar. Ir-rikorrent kompla jgħid li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) iddeċidiet li l-ħlas ta' ħamest elef Euro (€5,000) arretrati tal-miżati tal-iskola, kellhom jiġu kkonvertiti f'manteniment li r-rikorrent ġie ordnat iħallas. Kompla jgħid li għajr għas-seba' mitt Euro (€700) manteniment fix-xahar, huwa ma setax ilaħħaq mal-obbligi ta' ħlas l-oħra imposti fuqu mill-Qorti. Żied jgħid li sadanittant l-intimata baqgħet tgħix fid-dar matrimonjali tal-partijiet flimkien mal-ulied minuri tagħhom, filwaqt li huwa lanqas kellu l-mezzi biex jikri post biex imur jgħix fih. Kompla jgħid li meta sab ruħu fl-impossibilità li jħallas dak ordnat lilu mill-Qorti, l-intimata bdiet tagħmel sensiela ta' rapporti lill-Pulizija, u huwa sab ruħu f'sitwazzjoni fejn kellu jqatta' ħin konsiderevoli quddiem il-

Qrati sabiex iwieġeb għad-diversi akkużi miġjuba kontra tiegħu, fattur dan li affettwa anki l-produttività tiegħu fuq ix-xogħol. Spjega li ta' kull xahar huwa kien qiegħed jiffaċċja rapporti minħabba li ma setax iħallas il-mitejn u disgħin Euro (€290) għall-kontijiet tad-dawl u l-ilma li ġie ordnat iħallas mill-Qorti tal-Familja, kif ukoll għax ma setax iħallas l-arretrati tal-miżati tal-iskejjel. Qal li f'xi żmien huwa kien irnexxielu jissellef ammont ta' flus mingħand ommu sabiex iħallas l-arretrati tal-miżati tal-iskola privata li kienet tattendi waħda mit-tfal minuri tal-partijiet. Ir-rikorrent kompla jgħid li f'dak iż-żmien is-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu tant kienet ħażina, li kellu jagħmel pressjoni fuq l-imsieħba tiegħu fin-negozju sabiex iżidu l-pagi b'madwar mitejn u ħamsin Euro (€250) fix-xahar, xi ħaġa li ħolqot piżijiet kbar fuq in-negozju. Ir-rikorrent kompla jgħid li jum fost l-oħrajn huwa rċieva kopja tal-formola tal-*FS3* tal-intimata, minn fejn sar jaf li f'sena waħda din kienet qalgħet ferm aktar flus milli xehdet li qalgħet quddiem il-Qorti. Ir-rikorrent qal li kien sar jaf ukoll li tul is-snin, l-intimata kienet faddlet somom sostanzjali ta' flus. Ir-rikorrent żied jispjega li wara li dawn il-fatti inġiebu a konjizzjoni tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) b'rabta ma' wieħed mir-rikorsi li tressqu mill-partijiet fil-kawża, il-Qorti tal-Familja kienet bidlet id-digriet tagħha fir-rigward tal-ħlas tal-manteniment mir-rikorrent, u naqqset il-ħlas mensili li kellu jħallas ir-rikorrent għall-ammont ta' seba' mitt Euro (€700) fix-xahar, filwaqt li ordnat li l-miżati tal-iskejjel u s-self bankarju tal-partijiet kellhom jitħallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet, u ordnat li l-ħlas tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma tad-dar fejn tirrisjedi l-intimata flimkien ma' wlied il-partijiet, għandhom jitħallsu minnha esklussivament. Ir-rikorrent qal li minkejja dan it-tibdil fl-ordnijiet maħruġa mill-Qorti, dak iż-żmien kienu diġà ttieħdu passi kontra tiegħu quddiem il-Qorti Kriminali, fejn hu nstab ħati tal-akkużi miġjuba kontrih. Qal li wara li ngħata dan l-aħħar digriet mill-Qorti tal-Familja f'Awwissu tal-2016, ir-

relazzjoni tiegħu mal-intimata tjiebet, u huwa qiegħed jirnexxilu jħallas nofs il-miżati tal-iskejjel li sadanittant naqsu drastikament minħabba li l-bint il-kbira tal-partijiet daħlet l-Università. Ir-rikorrent ikkonkluda billi qal li minkejja li huwa jaħdem għal sigħat twal, is-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu xorta waħda mhix waħda feliċi u ma tirriflettix l-ammont ta' sigħat li jqatta' jaħdem, u xorta waħda jsibha diffiċli jlaħħaq mal-ispejjeż li jinqalgħulu minn żmien għal żmien. Qal li huwa jgħix f'appartament misluf lilu minn ommu, mingħajr ma jħallas kera, u ħutu mhumiex jinsistu li l-appartament ta' ommu jinbiegħ għax jafu li r-rikorrent m'għandux il-mezzi biex ikun jista' jikri post għalih.

Ir-rikorrent xehed fl-udjenza tas-16 ta' Novembru, 2017[18], fejn spjega lill-Qorti li s-salarju tiegħu jinqasam fi tnejn, seba' mitt Euro (€700) li jitħallsu direttament lill-intimata, u medja ta' seba' mitt Euro (€700) oħra li jitħallsu lilu, għalkemm il-bilanċ li jibqa' f'idejn ir-rikorrent ivarja ftit skont l-ammont ta' bolol li jkollhom jitħallsu fix-xahar partikolari. Ir-rikorrent żied jgħid li l-proċeduri ta' separazzjoni bejn il-partijiet inbdew fis-sena 2012, u l-manteniment ta' seba' mitt Euro (€700) li huwa obbligat iħallas fix-xahar għal uliedu minuri dejjem ħallashom. Ir-rikorrent qal ukoll li l-partijiet għandhom self bankarju li għadu ma tħallasx, u huwa mhux f'qagħda li jħallas dawn id-djun. Qal li hemm ukoll arretrati ammontanti għal ħamest elef Euro (€5,000) f'miżati tal-iskola tat-tfal minuri tal-partijiet, u arretrati oħra għall-ħlas tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma li l-Qorti ġabrithom taħt il-'manteniment' li r-rikorrent irid iħallas ta' kull xahar. Ix-xhud qal li minkejja li r-rikors tiegħu sabiex il-Qorti tvarja jew tnaqqas l-obbligi tiegħu fir-rigward tal-ħlas tal-manteniment kien sar f'Ġunju tal-2015, id-digriet tal-Qorti li finalment varja l-obbligi tar-rikorrent u ġabu f'sitwazzjoni li seta' jlaħħaq mal-ħlasijiet tal-

[18] *A fol.* 270 tal-proċess.

manteniment imposti fuqu, ingħata f'Awwissu tal-2016. L-avukat difensur tar-rikorrent żied jispjega li minkejja dawn il-varjazzjonijiet fid-digrieti tal-Qorti li varjaw ukoll l-obbligi tar-rikorrent fil-konfront tal-intimata martu, is-sentenzi mill-Qorti Kriminali fil-konfront tiegħu kienu laħqu ngħataw.

Waqt l-udjenza tal-21 ta' Frar, 2018 xehed **Ruben Bonnici**[19], in rappreżentanza tal-kumpannija ARMS Limited, li ppreżenta kopja ta' kont tad-dawl u l-ilma maħruġ fuq isem ir-rikorrent, kif ukoll kopja ta' prospett jew *statement of account* konness ma' dan il-kont. Ix-xhud qal li minkejja li d-dawl u l-ilma tal-indirizz muri fil-kont ma nqatgħu qatt, madanakollu fid-9 ta' Mejju, 2016 kienet intbagħtet *final notice* bi twissija li ser jinqata' s-servizz. Ix-xhud qal ukoll li fis-sena 2012 kien ġie ffirmat ftehim mar-rikorrent sabiex il-ħlasijiet għas-servizzi tad-dawl u l-ilma dovuti minnu jibdew jitħallsu permezz ta' pagamenti mensili.[20]

Waqt l-istess udjenza xehed **Dr Joe Gauci**, prinċipal tal-iskola San Anton[21], li qal li l-partijiet fil-kawża kienu ġew infurmati li jekk il-pendenzi tal-miżati tal-iskola ta' binthom minuri ma kinux ser jitħallsu qabel tibda s-sena skolastika, binthom ma setgħetx tibqa' tattendi l-istess skola. Ix-xhud qal li l-pendenzi ta' miżati dovuti mill-partijiet fil-21 ta' April, 2015 kienu jammontaw għal ħamest elef u wieħed u ħamsin Euro (€5,051), u sal-aħħar ta' Awwissu ta' dik is-sena dawn telgħu għal sitt elef, tliet mija u disgħa u sebgħin Euro (€6,379). Qal ukoll li dawn il-miżati tħallsu kollha mill-intimata Diana Degiorgio, permezz ta' għadd ta' pagamenti akkont, u l-pendenzi kollha kienu ngħalqu qabel bdiet is-sena skolastika 2015/2016, tant hu hekk li l-bint minuri tal-partijiet baqgħet tattendi l-imsemmija skola. Ix-xhud ikkonferma li wara li kienu tħallsu dawn il-

[19] *A fol.* 285 tal-proċess.
[20] Dokumenti esebiti mix-xhud *a fol.* 294 *et seq.* tal-proċess.
[21] *A fol.* 289 tal-proċess.

pendenzi, il-miżati baqgħu jitħallsu b'mod regolari, f'partijiet ugwali minn Miguel Degiorgio u Diana Degiorgio.

Waqt l-udjenza tal-15 ta' Marzu, 2018, reġa' xehed **Reuben Bonnici** in rappreżentanza ta' ARMS Limited[22], li ppreżenta kopji tal-*final notices,* u ittri oħra li ntbagħtu lill-partijiet. Ix-xhud esebixxa wkoll elenku ta' pagamenti li saru, fejn żied jgħid li l-parti l-kbira tal-ħlasijiet saru mill-intimata Diana Degiorgio.[23]

L-*affidavit* tal-intimata **Diana Degiorgio** ġie ippreżentat permezz ta' nota tat-2 ta' Lulju, 2018[24], li qalet li hija għandha impjieg fuq bażi *part-time* mal-kumpannija Crown Advertising Limited, liema kumpannija hija negozju tal-familja tagħha, u ilha taħdem b'dan il-mod mis-sena 1998, is-sena meta twieldet bint il-kbira tal-partijiet. Qalet li minkejja li mat-twelid ta' bint il-partijiet, kellha tnaqqas drastikament is-sigħat ta' xogħol tagħha, missierha kien ta parir li tibqa' rreġistrata bħala *full-timer* anki sabiex tkun tista' tibqa' tħallas il-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali b'mod sħiħ. Qalet li kien hemm żmien meta hija kienet taħdem tliet darbiet fil-ġimgħa b'ammont ta' sigħat ridotti, u s-salarju tagħha huwa ta' madwar seba' mija u tmenin Euro (€780) fix-xahar. Qalet li minn dan l-introjtu li għandha mill-impjieg tagħha, u mill-manteniment li hija tirċievi mingħand ir-rikorrent, hija trid tħallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma, ix-xiri tal-ikel, il-ħlas għall-abbonament tas-servizz telefoniku, spejjeż mediċi ta' wliedha minuri, u oġġetti oħra li dawn jeħtieġu ta' kuljum, bħal kotba, lezzjonijiet privati u ħwejjeġ, kif ukoll għandha l-ispejjeż personali tagħha, bħall-karozza li ssuq. L-intimata qalet li fl-1997 ir-rikorrent fetaħ il-kumpannija Top Drawer Limited flimkien ma' Adrian Bartolo,

[22] *A fol.* 306 tal-proċess.
[23] *A fol.* 301 *et seq.* tal-proċess.
[24] *A fol.* 332 tal-proċess.

u sas-sena 2006 dan in-negozju kien sejjer tajjeb ħafna. L-intimata żiedet tgħid li n-negozju tant kien sejjer tajjeb li r-rikorrenti kien saħansitra ssuġġerielha tieqaf taħdem kompletament. L-intimata qalet li dak iż-żmien ir-rikorrent kellu dħul nett ta' madwar elf u tliet mitt Euro (€1,300) bħala salarju fix-xahar, u apparti dan id-dħul kien jieħu somma ta' madwar elf Euro (€1,000) oħra fi flus kontanti. Qalet ukoll li f'Diċembru ta' kull sena, ir-rikorrent u sieħbu fin-negozju kienu jaqsmu l-profitti tan-negozju, u kien hemm drabi fejn r-rikorrent ħa d-dar madwar għoxrin elf Euro (€20,000) fi flus kontanti. Kompliet tispjega kif fil-15 ta' April, 2012, ir-rikorrent bagħat messaġġ lil binthom Dawn u qalilha li kien ilu madwar sena jaħseb biex jitlaq mid-dar matrimonjali. Ix-xhud qalet li minkejja li l-ħsieb tar-rikorrenti li jitlaq mid-dar kien ilu f'moħħu madwar sena, f'Diċembru tal-2011 ir-rikorrent talab lill-intimata tiffirmalu sabiex jieħu self bankarju u jkun jista' jixtri karozza, filwaqt li assiguraha li dan is-self bankarju kien ser jagħmel tajjeb għalih kollu hu. L-intimata qalet li hija kienet ffirmat għal dan is-self bankarju fl-1 ta' Diċembru, 2011, u minkejja li hija kienet ħeġġet lir-rikorrent jixtri karozza, din il-karozza baqgħet ma nxtratx, minkejja li r-rikorrent kellu għad-dispożizzjoni tiegħu l-faċilità bankarja. Qalet li r-rikorrent kien iħallas il-parti l-kbira tal-kontijiet għax dan kellu introjtu ferm akbar minn tagħha. L-intimata żiedet tgħid li ftit ġranet biss wara li r-rikorrent telaq mid-dar, hija kienet sabet dokumenti tal-bank li jindikaw li dan kien għamel depożiti sostanzjali f'kont bankarju. Qalet li f'Novembru tal-2012 ir-rikorrent kien waqaf iħallas is-self bankarju li l-partijiet iffirmaw għalih fl-1 ta' Diċembru, 2011, u dak iż-żmien ir-rikorrent kien waqaf iħallas ukoll is-self bankarju li l-partijiet kellhom biex setgħu jixtru d-dar matrimonjali tagħhom. L-intimata żiedet tgħid li fit-2 ta' Diċembru, 2013, ir-rikorrent intalab iħallas is-self tal-FlexiCredit fl-ammont totali ta' tmintax-il elf u disa' mitt Euro (€18,900) li l-partijiet ikkontrattaw ftit xhur biss qabel ir-

rikorrent telaq mid-dar matrimonjali, permezz ta' ħlasijiet mensili, iżda dan il-ħlas baqa' ma sarx minnu. L-intimata spjegat kif ommha ma kinitx taħdem mal-kumpannija Crown Advertising Limited, iżda minkejja dan kienet tattendi l-uffiċċju tal-kumpannija kuljum u kienet tagħmel ħafna xogħol u qadi tal-kumpannija. Qalet li kien hemm żmien meta n-negozju ma kienx sejjer tajjeb, u kien għalhekk li ommha ddeċidiet li tbigħ xi għamara antika li kellha, għalkemm ma xtaqitx tiddepożita l-flus li daħħlet minn dan il-bejgħ fil-kontijiet bankarji tagħha u tar-raġel tagħha jew tal-kumpannija. Kien għalhekk li omm l-intimata kienet talbet lill-intimata tiddepożita l-flus li daħħlet mill-bejgħ ta' din l-għamara fil-kont bankarju tal-intimata. L-intimata spjegat ukoll li hija kienet ħadet ħsieb tiftaħ kont bankarju f'isem uliedha minuri u fih kienet tiddepożita flus li hija kienet tfaddal minn żmien għal żmien, u r-rikorrent kien jaf b'dan u qatt ma talabha d-dettalji dwar dan il-kont. Kompliet tgħid li meta r-rikorrent telaq mid-dar matrimonjali, il-ġenituri tagħha kienu qalulha li jkun aħjar għalihom jekk il-flus li kienu ddepożitati fil-kont tagħha jerġgħu jingħataw lura lilhom, filwaqt li hija sabet ruħha f'sitwazzjoni fejn kellha tagħmel użu mill-flejjes iddepożitati f'kont bankarju f'isem uliedha sabiex tkun tista' tħallas għal affarijiet li qabel kien iħallas għalihom ir-rikorrent. L-intimata qalet li sakemm ir-rikorrent kien għadu jgħix fid-dar matrimonjali, fid-dar kien hemm servizzi kemm tal-kumpannija Melita kif ukoll tal-GO, iżda wara li r-rikorrent telaq mid-dar u dawn is-servizzi ma baqgħux jitħallsu, iż-żewġ kumpanniji qatgħulha s-servizz. Kompliet tispjega li filwaqt li qabel telaq mid-dar ir-rikorrent kien iħallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma, id-dejn mal-bank li l-partijiet kellhom sabiex xtraw darhom, il-Flexicredit għax-xiri tal-vettura, is-servizzi ta' telefonija, il-miżati tal-iskejjel privati u kien jieħu ħsieb iħallas għax-xiri tal-ikel u bżonnijiet oħra fid-dar, wara li r-rikorrent telaq mid-dar matrimonjali dan beda jagħti lill-intimata l-ammont ta' mija u ħamsin

Euro (€150) fil-ġimgħa, u wara Mejju tal-2012 iddeċieda li jibda jtiha mija u ħamsa u għoxrin Euro (€125) fil-ġimgħa. L-intimata spjegat kif f'Ġunju tal-2013, il-Qorti tat digriet fejn ir-rikorrent ġie ordnat iħallas manteniment fl-ammont ta' seba' mitt Euro (€700) fix-xahar, iżda minkejja dan, ir-rikorrent baqa' jħallas manteniment fl-ammont ta' ħames mitt Euro (€500) fix-xahar u baqa' jagħmel hekk sa Marzu 2015. Qalet li għal perijodu ta' wieħed u għoxrin (21) xahar, ir-rikorrent naqas milli jħallas il-manteniment b'mod sħiħ kif ordnatlu l-Qorti, b'tali mod li għal dak il-perijodu ir-rikorrent baqagħlu jagħti lill-intimata l-ammont ta' tlett elef u sitt mitt Euro (€3,600) bħala manteniment. Żiedet tgħid li minkejja li l-Qorti ordnat lir-rikorrent iħallas ukoll il-kontijiet tad-dawl u l-ilma pendenti sat-2 ta' Diċembru, 2013, u żewġ terzi tal-kontijiet pendenti sa Awwissu 2016, ir-rikorrent baqa' ma ħallasx dawn il-kontijiet. Qalet li r-rikorrent kien ordnat iħallas ukoll l-ispejjeż tal-iskejjel privati fejn kienu jattendu wlied il-partijiet, imma minkejja dan ir-rikorrent baqa' ma ħallasx l-ammonti dovuti minnu, u lanqas meta l-bint il-kbira tal-partijiet bdiet tattendi skola tal-Knisja, ir-rikorrent xorta waħda naqas milli jikkontribwixxi għall-ħlas tal-miżata dovuta. Kompliet tgħid li f'Awwissu tal-2016, il-Qorti ordnat lir-rikorrent iħallas nofs il-miżati tal-iskejjel privati fejn jattendu l-ulied minuri tal-partijiet, u dawn il-miżati qegħdin jitħallsu minnu, imma b'kollox għad hemm dovut mir-rikorrent l-ammont ta' disat elef u ħamsa u tletin Euro (€9,035) f'miżati li baqgħu ma tħallsux. Qalet ukoll li r-rikorrent qatt ma kkontribwixxa għall-ħlas tal-lezzjonijiet privati, tal-kotba tal-iskola jew tal-uniformijiet ta' wlied il-partijiet. Minkejja dan, żiedet tgħid l-intimata, hi taf li r-rikorrent siefer għall-btajjel diversi drabi, fosthom fl-Istati Uniti, l-Italja, *cruise* madwar il-Mediterran, l-Olanda fejn attenda wkoll għal kunċert, Londra diversi drabi u Sqallija. Qalet li min-naħa l-oħra hija ilha ma ssiefer minn Ottubru tal-2011 għax l-introjtu tagħha u l-ispejjeż li trid tagħmel

tajjeb għalihom, ma jippermettulhiex li tagħmel dan. L-intimata qalet li hija batiet ħafna sabiex setgħet tħalli lill-bint minuri tal-partijiet fi skola privata, anki għax ripetutament irċeviet ittri u telefonati fejn ġiet infurmata li f'każ li l-miżati jibqgħu mhux imħallsa, bintha setgħet titlef postha fl-iskola. Qalet ukoll li wliedha batew magħha, anki għax diversi drabi huma kienu mhedda li ser jispiċċaw bis-servizz tad-dawl u l-ilma maqtugħ jekk il-kontijiet ta' ARMS jibqgħu ma jitħallsux.

Waqt l-udjenza tat-3 ta' Lulju, 2018 sar il-kontroeżami tar-rikorrent[25], li qal li fiż-żmien meta telaq mid-dar matrimonjali tal-partijiet, huwa kien iħallas manteniment fl-ammont ta' sitt mitt Euro (€600) fix-xahar. Qal ukoll li dak iż-żmien diġà kien hemm pendenzi mal-kumpannija ARMS Limited għax huwa minn dejjem kellu diffikultajiet biex ilaħħaq mal-kontijiet u ma' spejjeż oħra li jinqalgħu. Ir-rikorrent qal ukoll li kien hemm drabi fejn huwa għamel pagamenti sostanzjali sabiex jinqatgħu l-arretrati tal-miżati tal-iskejjel, u l-pendenzi tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma. Ir-rikorrent ikkonferma wkoll li minkejja li huwa kellu ordni tal-Qorti biex iħallas manteniment fl-ammont ta' seba' mitt Euro (€700) fix-xahar, għal għadd ta' xhur huwa ħallas biss l-ammont ta' ħames mitt Euro (€500), u qal li hu għamel dan mhux għax ma riedx jobdi l-ordni tal-Qorti iżda għax ma setax iħallas. Ir-rikorrent ikkonferma li wara li l-Qorti kienet ordnat li l-miżati tal-iskola privata kellhom jitħallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet, huwa reġa' beda jikkontribwixxi għall-ħlas tal-miżati. Qal li meta l-bint il-kbira tal-partijiet spiċċat mill-iskola privata għax għalqet sittax-il sena, ma kien hemm l-ebda ħlasijiet pendenti lill-iskola. Żied jgħid li dak iż-żmien l-iskola San Anton kien hemm biss il-bint iż-żgħira tal-partijiet, u bejn l-2014 u l-2016 huwa qatt ma kkontribwixxa għall-ħlas tal-miżata. Ir-

[25] *A fol.* 341 tal-proċess.

rikorrent spjega li minkejja li meta kien għadu jgħix fid-dar matrimonjali huwa kien jikkontribwixxi b'diversi modi, huwa kellu diversi djun li riedu jitħallsu, kemm mal-banek, mal-*partner* tax-xogħol tiegħu u kien iddejjen ukoll sabiex seta' jagħmel tajjeb għall-pendenzi u għall-kontijiet kollha. Ir-rikorrent ikkonferma li l-partijiet kellhom self bankarju fuq id-dar matrimonjali, u kien hemm ukoll is-self taħt il-faċilità FlexiCredit li r-rikorrent u l-intimata kienu ffirmaw għalih madwar tliet xhur qabel ma r-rikorrent telaq mid-dar matrimonjali. Ir-rikorrent qal li l-faċilità tal-FlexiCredit kienet tammonta għal madwar dsatax-il elf Euro (€19,000) u hu kien nefaq dawk il-flus fuq id-dar u fuq it-tfal. Qal ukoll li minkejja li l-bank dar fuq il-partijiet sabiex dawn iħallsu lura dawn il-flejjes, huwa m'għamel ebda tip ta' ħlas akkont fuq dak is-self għax ma kellux minn fejn iħallas. Ir-rikorrent qal li meta kien talab għall-faċilità ta' FlexiCredit mill-bank, huwa kellu f'moħħu li jixtri karozza, iżda wara li kien ħa l-faċilità ta' self huwa ma setax iħallas pagamenti li kienu jlaħħqu aktar minn tliet mitt Euro fix-xahar, u għalhekk il-karozza baqgħet ma nxtratx, u minflok il-flus intużaw minnu biex ħallas kontijiet pendenti li kellu. B'riferiment għall-allegazzjoni tal-intimata li huwa kien isiefer spiss u jiddeverti, ir-rikorrent qal li hu pprova minn kollox, iżda ċertu safar u mawriet f'Għawdex kienu '*freebies'.*

Permezz ta' nota tal-15 ta' Novembru, 2018, ir-rikorrent ippreżenta għadd ta' dokumenti relatati mal-kawża pendenti bejn il-partijiet quddiem il-Qorti tal-Familja[26], fosthom kopji tal-*FS3 forms* dwar id-dħul tar-rikorrent, *statements* mill-kontijiet bankarji tar-rikorrent bil-bilanċi rispettivi, rapporti finanzjarji tal-kumpannija Top Drawer Limited ta' diversi snin, u kopji tal-*istatements* bankarji tal-istess kumpannija.

[26] *A fol.* 356 *et seq.* tal-proċess.

Ir-rikorrent kompla bid-depożizzjoni waqt l-udjenza tad-19 ta' Novembru, 2018[27], fejn ippreżenta kopji ta' rikorsi li ġew ippreżentati mill-partijiet quddiem il-Qorti tal-Familja[28]; kopja tal-*log books* tar-rikorrent[29], u l-*FS3s* u l-*FS7s* mis-sena 2011 sas-sena 2017 dwar l-introjtu tiegħu mill-kumpannija Top Drawer Limited.[30]

Waqt l-udjenza tat-30 ta' Jannar, 2019, tkompla l-kontroeżami tar-rikorrent[31], li kkonferma li kien ingħata digriet mill-Qorti tal-Familja fejn huwa kien ġie ordnat iħallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma tad-dar fejn baqgħet tgħix l-inrimata flimkien ma' wlied il-partijiet, u l-kontijiet tal-iskola tat-tfal. Qal li meta huwa ġie ordnat iħallas dawn il-kontijiet, it-tifla l-kbira tal-partijiet kienet diġà spiċċat mill-iskola, u għalhekk il-kontijiet tal-iskola kienu iktar baxxi minn kif kienu meta l-partijiet kienu għadhom jgħixu flimkien. Ir-rikorrent qal li f'sena minnhom huwa ħallas kont ta' sebat elef u ħames mitt Euro (€7,500) f'kontijiet pendenti tal-iskola privata fejn kienu jattendu t-tfal, u sussegwentement kien ingħata digriet ieħor mill-Qorti tal-Familja fejn kien ġie ordnat li l-miżati tal-iskola jibdew jitħallsu nofs kull wieħed mill-partijiet. Ir-rikorrent qal li wara li kien ingħata dak id-digriet, huwa beda jħallas in-nofs tiegħu flimkien mal-manteniment li huwa obbligat iħallas. Ir-rikorrent qal li meta kellu żewġt itfal jattendu l-iskola privata kien diffiċli għalih li waħdu jħallas il-miżati tal-iskola, iżda żied jgħid "forsi iva, forsi stajt ħallast xi ħaġa."

Ir-rikorrent ikkonferma illi lejn tmiem is-sena 2011, huwa kien ingħata faċilità ta' self bankarju li kienet tammonta għal madwar dsatax-il elf Euro (€19,000),

---

[27] *A fol.* 693A tal-proċess.
[28] *A fol.* 694 *et seq.* tal-proċess.
[29] *A fol.* 716 tal-proċess.
[30] *A fol.* 718 *et seq.* tal-proċess.
[31] *A fol.* 747 tal-proċess.

u huwa kien ftiehem mal-bank li dawn kellhom jitħallsu lura b'pagamenti ta' tliet mitt Euro (€300) fix-xahar. Żied jgħid li wara li kien għamel diversi pagamenti, hu ma setax ikompli jħallas għax spiċċawlu l-flus. Qal li sab ruħu f'diffikultajiet finanzjarji partikolarment meta beda jħallas il-manteniment lill-intimata. Ir-rikorrent ikkonferma li minkejja li l-ordni tal-Qorti kienet li huwa kellu jħallas manteniment ta' seba' mitt Euro (€700) fix-xahar, għal numru ta' xhur wara li kienet ingħatat din l-ordni, huwa ħallas l-ammont ta' ħames mitt Euro (€500). Żied jgħid li wara li ttieħdu passi kriminali fil-konfront tiegħu, huwa kien ħa żieda mill-kumpannija li huwa direttur tagħha, sabiex beda jħallas il-manteniment ta' seba' mitt Euro (€700) fix-xahar. Ir-rikorrent ikkonferma li b'digriet tal-Qorti tal-Familja mogħti fit-2 ta' Diċembru, 2013, huwa kien ġie ordnat iħallas manteniment ta' seba mitt Euro (€700) fix-xahar lil martu, żewġ terzi (2/3) tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma tad-dar fejn baqgħet tirrisjedi l-intimata flimkien mat-tfal tal-partijiet, u l-ħlas ta' self bankarju fis-somma ta' erba' mija u seba' Euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€407.33) fix-xahar. Sussegwentement ingħata digriet ieħor mill-Qorti tal-Familja fit-30 ta' Marzu, 2015, wara li kien sar rikors mill-intimata peress li l-ordni mogħtija mill-Qorti permezz tal-ewwel digriet fejn ir-rikorrent ġie ordnat iħallas manteniment ta' disa' mija u disgħin Euro (€990) fix-xahar, ma kinitx qiegħda tiġi osservata mir-rikorrent. Ir-rikorrent qal li minn dawn id-disa' mija u disgħin Euro (€990), seba' mitt Euro (€700) kienu jirrappreżentaw il-manteniment oriġinali li hu kien obbligat iħallas fix-xahar, filwaqt li l-bilanċ ta' mitejn u disgħin Euro (€290) kienu jirrappreżentaw l-arretrati tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma li huwa kien naqas li jħallas. Ir-rikorrent ikkonferma wkoll li kien hemm digriet ieħor tal-Qorti tal-Familja mogħti fid-9 ta' Novembru, 2015, fejn kien ġie ordnat iħallas l-ammont ta' ħamest elef Euro (€5,000) f'arretrati ta' miżati tal-iskola li kienu għadhom ma tħallsux minnu, filwaqt li f'digriet ieħor

tas-26 ta' Awwissu, 2016, il-Qorti kienet ordnat li r-rikorrent kellu jibqa' jħallas manteniment ta' seba' mitt Euro (€700) fix-xahar għal uliedu, filwaqt li ġie stipulat li l-kontijiet tad-dawl u l-ilma tad-dar fejn baqgħet tirrisjedi l-intimata flimkien mat-tfal tal-partijiet, kellhom jitħallsu mill-intimata, u kien ġie ordnat li l-partijiet iħallsu l-ispejjeż tal-edukazzjoni ta' wliedhom nofs bin-nofs. Ir-rikorrent ikkonferma li din il-kawża kostituzzjonali infetħet minnu wara li huwa kien appella[32] minn erba' deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati, wara li b'sentenza tat-18 ta' April, 2016, il-Qorti tal-Maġistrati kienet sabet lir-rikorrent ħati talli bejn Ottubru u Diċembru tas-sena 2015 huwa ħallas l-ammont ta' seba' mitt Euro (€700) fix-xahar minflok disa' mija u disgħin Euro (€990) fix-xahar, u għalhekk għal dak il-perijodu huwa kien naqas milli jħallas ammont totali ta' tmien mija u sebgħin Euro (€870). Il-Qorti tal-Maġistrati kkundannat lir-rikorrent għal xahar priġunerija sospiżi għal sentejn, u ordnatlu wkoll iħallas dawn it-tmien mija u sebgħin Euro (€870). Ir-rikorrent ikkonferma wkoll li minn dan l-ammont huwa ma kien ħallas xejn, għalkemm qal li huwa jista' jħallashom bin-nifs. Lir-rikorrent sarlu riferiment għall-appell 212/2016, intavolat minnu wara li l-Qorti tal-Maġistrati kkundannatu għal xahrejn detenzjoni effettivi b'sentenza tat-18 ta' April, 2016, peress li kien naqas li jħallas l-ammont ta' ħamest elef Euro (€5,000) spejjeż tal-edukazzjoni ta' wliedu. Ir-rikorrent qal li biex iħallas dan l-ammont bin-nifs, ser idum is-snin. Ir-rikorrent ikkonferma li t-tielet appell intavolat minnu bir-referenza 556/2016, kien in segwitu għal deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati tal-14 ta' Novembru, 2016, wara li kien nstab ħati li naqas li jħallas l-ammont sħiħ ta' disa' mija u disgħin Euro (€990) fix-xahar u minflok kien qiegħed iħallas biss seba' mitt Euro (€700) bejn Jannar u Marzu tal-2016, sabiex b'hekk kien għad fadallu jħallas is-somma ta' tmien mija u sebgħin Euro (€870), u l-Qorti tal-

[32] Appell bin-numru 211/2016.

Maġistrati kkundannatu għal xahar detenzjoni sospiżi għal sena. Ir-rikorrent ikkonferma wkoll li r-raba' appell, dak bin-numru 557/16, ikopri il-manteniment bejn Ġunju u Awwissu tas-sena 2016 li wkoll ma tħallasx mir-rikorrent fl-intier tiegħu, u minflok ħallas l-ammont ta' disa' mija u disgħin Euro (€990) fix-xahar, ħallas l-ammont ta' seba' mitt Euro (€700). B'sentenza tal-14 ta' Novembru, 2016, il-Qorti tal-Maġistrati kkundannat lir-rikorrent għal xahar detenzjoni sospiżi għal sena minħabba li għal perijodu ta' tliet xhur kien għad fadal bilanċ ta' manteniment ta' tmien mija u sebgħin Euro (€870). Ir-rikorrent qal li bi ftit sagrifiċċji jista' jagħti l-każ li huwa jirnexxielu jħallas bin-nifs l-ammonti kollha dovuta minnu, iżda qal ukoll li huwa qatt ma għamel talba lil xi Qorti f'dan is-sens. Ir-rikorrent kompla jgħid li l-intimata għadha tgħix fid-dar matrimonjali flimkien ma' wlied il-partijiet. Qal ukoll li llum il-ġurnata kiber fl-età u għalhekk m'għadx għandu l-enerġija li jmur jagħmel impjieg ieħor wara l-ħin tax-xogħol normali tiegħu.

Fl-udjenza tat-22 ta' Frar, 2019 sar il-kontroeżami tal-intimata **Diana Degiorgio**[33], li qalet li qabel ma żewġha telaq mid-dar matrimonjali, dan kien iħallas l-ispejjeż għax-xiri tal-ikel tal-familja, l-ilma, id-dawl, il-gass u l-iskejjel privati ta' wlied il-partijiet. Qalet li l-miżati tal-iskejjel privati tat-tfal waħedhom kienu jlaħħqu s-sitt mitt Euro (€600) fix-xahar. Qalet li min-naħa tagħha hija kienet tieħu ħsieb ix-xiri ta' kotba, uniformijiet, ħwejjeġ u affarijiet żgħar li kienu jeħtieġu wliedhom minħabba li l-introjtu tagħha kien ħafna inqas minn dak ta' żewġha. Qalet ukoll li r-rikorrent kien jieħu ħsieb iħallas il-pagamenti tas-self bankarju li kellhom il-partijiet. L-intimata qalet li r-rikorrent telaq mid-dar matrimonjali f'Marzu tal-2012, u fl-1 ta' Diċembru 2011, il-partijiet kienu kkontrattaw self mill-bank fl-ammont ta' dsatax-il elf Euro

[33] *A fol.* 782 tal-proċess.

(€19,000) minħabba li r-rikorrent kien xtaq jixtri karozza, liema karozza baqgħet ma nxtratx. Qalet li qabel id-dejn ikkontrattat f’Diċembru tal-2011, il-partijiet kien baqgħalhom self ta’ madwar elfejn u erba’ mitt Euro (€2,400) fuq ix-xiri tad-dar tagħhom. Qalet li s-self li l-partijiet ħadu f’Diċembru tal-2011 kien qiegħed jitħallas permezz ta’ pagamenti ta’ tliet mija u tmintax-il Euro (€318) fix-xahar, u r-rikorrent kien qiegħed jieħu ħsieb li jħallas dan l-ammont hu. Qalet li meta r-rikorrent telaq mid-dar matrimonjali hija lanqas biss kienet tiftaħ il-kontijiet li jaslu d-dar, għax kienet taf li dawn kien jieħu ħsieb iħallashom ir-rikorrent. Żiedet li hija qatt ma ġiet infurmata li r-rikorrent kellu xi pendenzi ta’ kontijiet tad-dawl u l-ilma x’iħallas. L-intimata qalet li fl-ewwel xahar eżatt wara li r-rikorrent telaq mid-dar matrimonjali, dan ma ħallas l-ebda manteniment, iżda fix-xhur ta’ wara beda jħallas l-ammont ta’ mija u ħamsin Euro (€150) fil-ġimgħa, għalkemm f’punt minnhom hu kien qalilha li l-avukat tiegħu kien qallu jibda jħallas mitt Euro (€100) manteniment fil-ġimgħa, u huwa kien dispost li jħallas biss mija u ħamsa u għoxrin Euro (€125) manteniment fil-ġimgħa. L-intimata żiedet tgħid li r-rikorrent kien ipproċeda b’rikors il-Qorti, u f’Diċembru tal-2012, il-Qorti ordnatlu jħallasha l-ammont ta’ seba’ mitt Euro (€700) fix-xahar manteniment. L-intimata spjegat li għal perijodu ta’ wieħed u għoxrin (21) xahar, ir-rikorrent naqas li jħallasha l-manteniment sħiħ dovut lilha, u baqa’ jħallas l-ammont ta’ ħames mitt Euro (€500), u kien biss f’Marzu tal-2015 li l-Qorti tat digriet li permezz tiegħu l-manteniment dovut lill-intimata beda jitħallas direttament mis-salarju li r-rikorrent kien jirċievi mill-kumpannija li tagħha kien direttur. L-intimata qalet ukoll li fid-digriet tagħha il-Qorti kienet ordnat lir-rikorrent jibda jħallasha l-ammont ta’ disa’ mija u disgħin Euro (€990) fix-xahar manteniment, u għalhekk l-ammont ta’ seba’ mitt Euro (€700) li kienu qegħdin jitħallsu lilha xorta waħda ma kinux ikopru dak kollu li r-rikorrent kien ġie ordnat iħallas

mill-Qorti tal-Familja. L-intimata qalet li r-rikorrent kien ħalla l-miżati tal-iskejjel jakkumulaw qabel ħallashom, u biex binthom tħalliet tiggradwa mill-iskola kien hemm ċirkostanza fejn ir-rikorrent kellu jħallas l-ammont ta' sebat elef Euro (€7,000) f'darba. Qalet li kien biss f'Settembru tal-2016 li r-rikorrent kien reġa' beda jikkontribwixxi għall-ħlas tal-miżati tal-iskola privata, wara li l-Qorti tal-Familja ddeċidiet li l-ispejjeż marbuta mal-edukazzjoni tat-tifla ż-żgħira tal-partijiet kellhom jitħallsu nofs b'nofs mill-ġenituri tagħha. L-intimata qalet li meta hija bdiet tirċievi korrispondenza mill-bank minħabba li s-self ikkontrattat mill-partijiet ma kienx qiegħed jitħallas, hija kienet ġiet infurmata mir-rappreżentanti tal-bank li r-rikorrent kien jgħidilhom li l-bank seta' jieħu pussess tad-dar. Qalet li hija kienet tirċievi diversi ittri minn ARMS Limited fejn kienet tiġi interpellata li jekk il-pendenzi tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma ma jitħallsux, kien ser jinqata' s-servizz, u kien hemm drabi meta hija kellha tara kif ser tħallas għaliex uliedha kellhom l-eżamijiet u hija ma xtaqitx li fi żmien l-eżamijiet uliedha jkollhom iħabbtu wiċċhom ma' dawn it-tip ta' problemi. Qalet li r-rikorrent kien jgħidilha li s-sitwazzjoni li kienet fiha kienet tort tagħha, u jekk riedet setgħet tbigħ id-dar fejn tgħix. L-intimata qalet li hija kienet taf li r-rikorrent kien isiefer spiss u sħabha kienu jarawh f'diversi ristoranti u postijiet oħra, filwaqt li hija m'għandha kapriċċi ta' xejn ħlief li tassigura li għandha biżżejjed flus għas-saħħa u għall-edukazzjoni ta' wliedha.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Permezz tal-lanjanzi mressqa fil-kawża odjerna, ir-rikorrent jallega li hu qiegħed isofri minn ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu kif protetti bl-Ewwel Artikolu tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, li in suċċint jipprovdi li

ħadd m'għandu jintbagħat il-ħabs minħabba dejn ċivili[34], u bl-Artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzjoni Ewropea[35] u l-artikolu 34(1)(d) tal-Kostituzzjoni ta' Malta[36] dwar il-protezzjoni minn arrest jew detenzjoni arbitrarja, wara proċeduri kriminali li ttieħdu kontra tiegħu *ai termini* tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 338(z)[37] tal-Kodiċi Kriminali.

Il-proċeduri odjerni jafu l-bidu tagħhom f'kawża għas-separazzjoni personali li għadha pendenti bejn il-partijiet, li kienet inbdiet fl-2013. Tul is-snin il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) tat diversi digrieti sabiex tirregola diversi aspetti ta' din is-separazzjoni, partikolarment kwistjonijiet marbuta mal-ħlas tal-manteniment *pendente lite* għall-ulied minuri tal-partijiet, li fiż-żmien li nbdew il-proċeduri ta' separazzjoni kienu t-tnejn jattendu skola privata, mal-ħlas tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma tar-residenza fejn tgħix l-intimata Diane Degiorgio flimkien ma' wlied il-partijiet, kif ukoll dwar min kellu jħallas il-miżati tal-iskejjel privati fejn kienu jattendu wlied il-partijiet. Permezz ta' digriet mogħti fit-2 ta' Diċembru, 2013 mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), ir-rikorrent kien ġie ordnat iħallas il-manteniment lill-intimata fl-ammont ta' seba' mitt Euro (€700) fix-xahar għaż-żewġ ulied tiegħu, żewġ terzi tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma tar-residenza fejn tgħix l-intimata flimkien mal-ulied minuri tal-partijiet, l-ispejjeż tal-edukazzjoni tal-ulied minuri tal-partijiet kif ukoll is-self bankarju kkontrattat mill-partijiet, permezz ta' pagamenti lill-bank ta' erba' mija u seba' Euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€407.33) fix-xahar. Jirriżulta li minkejja din l-

[34] "Ħadd ma għandu jiġi pprivat mil-libertà tiegħu unikament minħabba fl-inkapaċità tiegħu li jwettaq obbligazzjoni kuntrattwali."

[35] "Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà u għas-sigurtà tal-persuna. Ħadd ma għandu jiġi pprivat mil-libertà tiegħu ħlief fil-każijiet li ġejjin u skont il-proċedura preskritta bil-liġi: (b) l-arrest jew id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuna għal nuqqas ta' tħaris ta' ordni skont il-liġi ta' Qorti jew sabiex jiġi żgurat it-twettiq ta' xi obbligu preskritt mil-liġi."

[36] "Ħadd ma għandu jiġi pprivat mil-libertà personali tiegħu ħlief kif jista' jkun awtorizzat b'liġi fil-każijiet li ġejjin jiġifieri: (d) fl-esekuzzjoni ta' ordni ta' qorti magħmul biex jiżgura twettiq ta' xi obbligu impost lilu b'liġi."

[37] "Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku kull min: (z) meta hekk ordnat minn xi qorti jew hekk marbut b'kuntratt jonqos milli jagħti lil xi persuna, is-somma ffissata minn dik il-qorti jew stipulata fil-kuntratt bħala manteniment għal dik il-persuna fi żmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma."

ordni, ir-rikorrent kien iħallas lill-intimata martu manteniment li kien inqas mis-seba' mitt Euro (€700) li ordnatlu jħallas il-Qorti, filwaqt li naqas li jħallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma tad-dar fejn kienet tgħix l-intimata flimkien ma' wlied il-partijiet, u l-miżati tal-iskola privata fejn kienu jattendu wlied il-partijiet. Tant hu hekk l-intimata kienet irċeviet diversi twissijiet mill-kumpannija ARMS li s-servizz tad-dawl u l-ilma tad-dar fejn tgħix l-intimata kien ser jinqata' minħabba fl-arretrati mhux imħallsa Barra minn hekk kien hemm korrispondenza mal-awtoritajiet tal-iskola privata fejn kienu jattendu wlied il-partijiet għaliex kien hemm diversi arretrati ta' miżati pendenti, li jekk ma jitħallsux, ulied il-partijiet ma setgħux jibqgħu jattendu dik l-iskola partikolari. Il-Qorti qieset li kien f'din is-sitwazzjoni finanzjarja prekarja għall-intimata, li din kellha tagħmel tajjeb hi għall-ħlas tal-kontijiet li l-Qorti kienet ordnat li kellhom jitħallsu mir-rikorrent. Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) permezz ta' digriet mogħti fit-30 ta' Marzu, 2015, kienet ordnat li r-rikorrent jibda jħallas l-ammont ta' mitejn u disgħin Euro (€290) fix-xahar lill-intimata rappreżentanti arretrati tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma tal-post fejn jgħixu wlied ir-rikorrent flimkien ma' ommhom l-intimata. Permezz ta' digriet tad-9 ta' Novembru, 2015, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) kienet ordnat lir-rikorrent iħallas l-ammont ta' ħamest elef Euro (€5,000) rappreżentanti miżati u spejjeż għall-edukazzjoni taż-żewġ ulied minuri tal-partijiet. Minkejja dawn l-ordnijiet, ir-rikorrent baqa' jinsisti li ma kellux mezzi finanzjarji sabiex iħallas dak ordnat lilu mill-Qorti, u għal għadd ta' xhur baqa' jħallas l-ammont ta' seba' mitt Euro (€700) bħala manteniment, u ma ħallas għal xejn aktar, u dan bi ksur ċar tal-ordnijiet imposti fuqu mill-Qorti. B'digriet ieħor tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) mogħti fis-26 ta' Awwissu, 2016, il-Qorti ordnat lir-rikorrent jibqa' jħallas l-ammont ta' seba' mitt Euro (€700) manteniment fix-xahar, filwaqt li ordnat li l-kontijiet tad-dawl u l-ilma tad-dar fejn tgħix l-intimata flimkien ma'

wlied il-partijiet jibdew jitħallsu minnha, u l-ispejjeż edukattivi u s-self bankarju kkontrattat mill-partijiet jitħallsu nofs bin-nofs mill-partijiet. Jirriżulta li la r-rikorrent u lanqas l-intimata ma talbu li dan id-digriet jiġi varjat b'xi mod.

Minkejja li dan l-aħħar digriet bidel sostanzjalment l-obbligi li r-rikorrent kien ordnat iwettaq bid-digrieti preċedenti tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), in-nuqqas tar-rikorrent li jħares l-ordnijiet imposti fuqu mill-Qorti u s-sitwazzjoni imwiegħra li sabet ruħha fiha l-intimata, wasslu għal għadd ta' kwereli fil-konfront tar-rikorrent. Permezz tal-ewwel proċeduri bir-referenza 211/2016, ir-rikorrent ġie akkużat talli għal perijodu ta' tliet xhur naqas milli jħallas il-mitejn u disgħin Euro (€290) addizzjonali fix-xahar b'żieda mas-seba' mitt Euro (€700) li kien ġie ordnat iħallas oriġinarjament, fejn ir-rikorrent ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu, u konsegwentement ingħata sentenza ta' priġunerija li ma kinitx effettiva. Fl-appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, tqajmet din il-lanjanza ta' indoli kostituzzjonali, u għalhekk il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali ġew sospiżi sakemm tiġi deċiża din il-kwistjoni. Bl-istess mod permezz tal-proċeduri bir-referenza 212/2016, ir-rikorrent ġie akkużat talli naqas li jħallas il-ħamest elef Euro (€5,000) spejjeż tal-edukazzjoni li kien ġie ordnat iħallas lill-intimata permezz tad-digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) tad-9 ta' Novembru, 2015. Dawn il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali wkoll jinsabu sospiżi sakemm ikun hemm eżitu finali għall-proċeduri odjerni. Iż-żewġ proċeduri l-oħra bir-referenza 556/2016 u 557/2016 li wkoll għadhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali huma wkoll b'rabta man-nuqqas tar-rikorrent li jħallas l-ammont ta' manteniment sħiħ ta' disa' mija u disgħin Euro (€990) kif kien ordnat mill-Qorti għal perijodi ta' tliet xhur kull darba. Il-Qorti kkonsidrat li s-somma totali

ta' ħlasijiet pendenti li minħabba fihom ir-rikorrent qiegħed jiffaċċja proċeduri kriminali, hija ta' sebat elef, sitt mija u għaxar Euro (€7,610)[38].

Ir-rikorrent għadu qiegħed jinsisti li huwa jinsab fl-impossibilità finanzjarja li jħallas l-ammonti li qiegħed jiffaċċja akkużi kriminali minħabba fihom. Din il-Qorti semgħet xhieda mqanqla u ħafna drabi diverġenti min-naħa tal-partijiet, fejn l-intimata xehdet li wara li r-rikorrent telaq mid-dar matrimonjali, dan għex ħajja ta' divertiment, u kien isiefer spiss u kien jidher f'funzjonijiet soċjali mas-sieħba tiegħu, u bir-rikorrent jgħid min-naħa l-oħra li minkejja li huwa direttur ta' kumpannija, u minkejja li jaħdem sigħat twal, huwa xorta waħda m'għandux il-mezzi biex iħallas dak li kienet ordnatlu l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja). Il-Qorti tirrileva li r-rikorrent ma ċaħadx li huwa siefer diversi drabi għad li qal li wħud mis-safriet u l-mawriet lejn Għawdex kienu '*freebies*'. Il-Qorti tirrileva ukoll li waqt il-kontroeżami li sarlu mill-avukat difensur mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, ir-rikorrent ammetta li seta' ħallas xi ħaġa aktar minn dak li attwalment ħallas, u meta ppressat, qal li b'ħafna sagrifiċċji, jista' jasal biex jagħmel tajjeb għas-somma li għadha dovuta minnu, li għandu jingħad li mhijiex xi somma fenomenali.

Il-Qorti eżaminat bir-reqqa dovuta l-provi ppreżentati f'din il-kawża, anki għax il-kawża għas-separazzjoni personali bejn il-partijiet hija waħda kontenzjuża u ilha għaddejja bosta snin, u għalhekk riedet li tistabbilixxi l-fatti pertinenti għal-lanjanza li għandha quddiemha mid-dokumenti u mill-provi ppreżentati f'dawk il-proċeduri sabiex tasal għad-deċiżjoni tagħha.

[38] €5,000 + (€290 x 9 xhur).

Mill-provi jirriżulta li sal-ġurnata meta r-rikorrent iddeċieda li jitlaq mid-dar matrimonjali, huwa kien iħallas għall-parti l-kbira tal-bżonnijiet tal-familja tiegħu, inkluż l-ikel, il-kontijiet tad-dawl u l-ilma, il-kontijiet tas-servizz tat-telefonija, l-ispejjeż marbuta mal-edukazzjoni tal-ulied, u spejjeż oħra li jinqalgħu f'kull familja. Jirriżulta wkoll li s-self bankarju għax-xiri tad-dar matrimonjali tal-partijiet kien wasal biex jitħallas kollu, tant hu hekk li l-intimata xehdet li fiż-żmien meta r-rikorrent telaq mid-dar, kien baqa' biss bilanċ ta' elfejn u erba' mitt Euro (€2,400) x'jitħallas. Mill-provi jirriżulta wkoll li madwar tliet xhur biss qabel ma r-rikorrent telaq mid-dar matrimonjali, dan informa lill-intimata li kien ser jieħu faċilità ta' Flexicredit sabiex ikun jista' jixtri karozza, u din min-naħa tagħha ffirmat għal din il-faċilità wara li r-rikorrent wegħedha li l-pagamenti tal-bank kienu ser ikunu responsabbilità tiegħu. Jirriżulta mill-provi li sa ftit jiem biss qabel ma r-rikorrent telaq mid-dar matrimonjali u nbdew il-proċeduri ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet, ir-rikorrent kien jipprovdi għal dak kollu li seta' kellha bżonn il-familja tiegħu, u daħħal lill-intimata f'dejn li huwa wiegħed li kien ser iħallsu kollu hu, għalkemm fix-xhieda li ta quddiem il-Qorti ammetta li d-deċiżjoni li jidħol għal dan il-piż kienet waħda "irresponsabbli" da parti tiegħu. L-intimata xehdet li hija kienet taqla' salarju ferm inqas minn dak li kellu r-rikorrent u bejniethom kien hemm sistema fejn ir-rikorrent kien jagħmel tajjeb għall-ispejjeż ewlenin tal-familja, filwaqt li hija kienet tieħu ħsieb spejjeż oħra bħax-xiri tal-uniformijiet u l-kotba tat-tfal. Imma s-sitwazzjoni ta' din il-familja nbidlet dakinhar li r-rikorrent iddeċieda li jitlaq mid-dar matrimonjali, fejn għal ftit ġimgħat jirriżulta li ma kien iħallas xejn lill-intimata, u wara ftit ġimgħat kien iddeċieda li jibda jtiha madwar ħames mitt Euro (€500) fix-xahar bħala manteniment. Meta bdew il-proċeduri ta' separazzjoni quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), il-ħlas tal-manteniment ġie regolarizzat b'diversi digrieti tal-

Qorti, fejn għall-bidu r-rikorrent ġie ordnat jibda jħallas seba' mitt Euro (€700) manteniment għal uliedu, u jħallas ukoll żewġ terzi tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma tad-dar matrimonjali fejn kien għad hemm jgħixu martu u wliedu, kif ukoll l-ispejjeż marbuta mal-edukazzjoni tat-tfal u s-self bankarju tal-partijiet. Jirriżulta mill-provi li r-rikorrent naqas milli jottempera ruħu ma' dan id-digriet, b'diversi konsegwenzi għall-intimata u għal uliedu, li sabu ruħhom jiffaċċjaw theddid li ser jinqata' s-servizz tad-dawl u l-ilma tad-dar fejn jgħixu, kif ukoll li l-ulied setgħu jitkeċċew mill-iskola privata fejn kienu jmorru. Jirriżulta wkoll li l-intimata kellha tagħmel tajjeb hi għall-ħlas ta' diversi kontijiet sabiex tevita sitwazzjoni fejn uliedha jkunu qegħdin jgħixu f'dar mingħajr is-servizz tad-dawl u l-ilma, u sabiex uliedha jkunu jistgħu jibqgħu jattendu l-istess skola. Kien in vista ta' dan in-nuqqas ta' ħarsien tal-ewwel digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), li l-Qorti tat żewġ digrieti oħra sabiex tirregolarizza il-ħlas tal-manteniment mir-rikorrent, fejn dan ġie ordnat li b'żieda mas-seba' mitt Euro (€700) bħala manteniment għal uliedu minuri, huwa jħallas ukoll l-ammont ta' mitejn u disgħin Euro (€290) sabiex jagħmel tajjeb għall-arretrati tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma li baqgħu ma tħallsux minnu kif kien ordnat. Permezz ta' digriet ieħor separat, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) ordnat lir-rikorrent iħallas lill-intimata l-ammont ta' ħamest elef Euro (€5,000) bħala arretrati ta' miżati tal-iskola privata li kellhom jitħallsu minnu u li baqgħu ma tħallsux. Ir-rikorrent baqa' jinsisti li huwa ma kellux mezzi għajr biex iħallas is-seba' mitt Euro (€700) manteniment fix-xahar għal uliedu. Jirriżulta wkoll li f'Awwissu tal-2016, il-Qorti kienet tat digriet ieħor fejn kienet ordnat li l-ispejjeż edukattivi u s-self bankarju tal-partijiet kellhom jibdew jitħallsu nofs bin-nofs bejniethom, filwaqt li l-kontijiet tad-dawl u l-ilma tad-dar fejn tgħix l-intimata flimkien ma' wlied il-partijiet jibdew jitħallsu minnha fl-intier tagħhom. Jirriżulta wkoll li wara li kien hemm dan id-digriet, ir-

rikorrent beda jimxi ma' din l-aħħar ordni tal-Qorti, u apparti s-seba' mitt Euro (€700) bħala manteniment għal uliedu, beda jħallas ukoll sehmu mis-self bankarju u mill-ispejjeż edukattivi, li sadanittant naqsu sostanzjalment għax waħda minn ulied il-partijiet kienet daħlet l-Università u għalhekk ma baqgħetx tattendi l-iskola privata bi ħlas.

Permezz ta' dawn il-proċeduri r-rikorrent jikkontendi li meta l-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) kienet ġabret taħt il-kap tal-'manteniment' l-arretrati tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma u l-ispejjeż tal-edukazzjoni tat-tfal li r-rikorrent kien ordnat iħallas iżda baqa' ma ħallasx, din illediet il-jeddijiet fundamentali tiegħu kif imħarsa bl-Ewwel Artikolu tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll bl-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzjoni Ewropea. Ir-rikorrent jikkontendi li l-mitejn u disgħin Euro (€290) addizzjonali li kien ġie ordnat iħallas mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) b'żieda mas-seba' mitt Euro (€700) oriġinarjament dovuti minnu bħala manteniment, jirrappreżentaw obbligazzjonijiet kuntrattwali u krediti dovuti lil terzi u mhumiex 'manteniment' fil-veru sens tal-kelma, u għalhekk l-inklużjoni ta' dawn id-djun dovuti lil terzi taħt il-kap tal-'manteniment' esponewh għall-piena kkontemplata fl-artikolu 338(z) tal-Kap. 9 għal min jinstab ħati ta' xi nuqqas taħt dik id-dispożizzjoni tal-liġi.

Il-Qorti tirrileva li mill-qari tal-artikolu 3B u tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, jirriżulta li l-ġenituri għandhom obbligu li jieħdu ħsieb jipprovdu għall-edukazzjoni ta' wliedhom. L-artikolu 19 tal-Kapitolu 16 jipprovdi wkoll li mal-manteniment hemm inkluż l-ispejjeż għall-abitazzjoni u għall-edukazzjoni tal-ulied, b'tali mod li jista' jintqal li l-ħlasijiet tal-miżati tal-iskola huma wkoll parti mill-manteniment li ġenitur huwa obbligat li jħallas.

Il-Qorti tqis li l-obbligazzjoni li naqas li jwettaq ir-rikorrent kienet waħda imposta minn Qorti u tikkostitwixxi ksur ta' ordni tal-Qorti, u mhux waħda ġejja minn kuntratt, u għalhekk l-Ewwel Artikolu tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni mhux applikabbli għaċ-ċirkostanzi odjerni. Il-Qorti tagħmel riferiment għall-kummentarju tal-awtur William A. Schabas fil-ktieb tiegħu *The European Convention on Human Rights: A Commentary*[39]*,* fejn l-awtur kiteb:

> *"In 1958, when the Legal Committee of the Consultative Assembly began consideration of an additional protocol, the list of rights that might be included began with freedom from imprisonment on the ground of inability to fulfil a contractual obligation. As the Preliminary Report of the Committee noted, it was already included in the draft United Nations Covenant. The rapporteur, Hermod Lannung, argued that the text would strengthen the provisions of article 5 of the Convention. He explained that the provision would only apply to contractual obligations and not to all civil debts, nor to cases of fraudulent non-performance. Accordingly, it would cover 'neither public obligations (fiscal, military, etc.) nor civil obligations imposed by statute or court order (ex. Maintenance obligations of parents or spouses, whether divorced or not, a judgment debt for damages, etc)."*

Tqis għalhekk li l-Ewwel Artikolu tar-Raba' Protokoll ma kienx maħsub biex jinkludi fl-ambitu tiegħu obbligazzjonijiet bħall-ħlas ta' manteniment, u lanqas ma kien maħsub biex jipproteġi lil individwu minn piena karċerarja f'każ li dan jonqos li jottempera ruħu ma' ordni tal-Qorti. Dan il-ħsieb ġie kkristallizzat f'deċiżjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **R.R.** ***v.*** **Italy** (no. 42191/02) tat-2 ta' Diċembru, 2004, li kkonkludiet li l-Ewwel Artikolu tar-Raba' Protokoll ma japplikax f'każ fejn individwu jinżamm detenut minħabba li jonqos milli jħallas l-manteniment għall-familja tiegħu. L-azzjoni tar-rikorrent kif proposta, u li permezz tagħha qiegħed jitlob il-Qorti tiddikjara li l-applikazzjoni tal-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tilledi d-

[39] The European Convention on Human Rights: A Commentary, *William A. Schabas,* (Oxford University Press), 2015, p. 1049.

drittijiet fundamentali tal-bniedem sanċiti bl-Ewwel Artikolu tar-Raba' Protokoll, għandha għalhekk tiġi miċħuda kemm għax kwistjonijiet marbuta mal-manteniment tal-familja ma jaqgħux taħt l-iskop tal-Ewwel Artikolu tar-Raba' Protokoll, kif ukoll għax jirriżulta li r-rikorrent qiegħed jiffaċċja piena ta' ħabs proprju għax naqas milli jottempera ruħu ma' ordni tal-Qorti.

Il-Qorti tqis li assolutament mhux kompitu tagħha tiddeċiedi jekk ir-rikorrent għandux il-mezzi jew hux fl-impossibilità finanzjarja li jlaħħaq mal-obbligi tiegħu. Madanakollu l-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li sa ftit qabel telaq mid-dar matrimonjali, ir-rikorrent kellu l-mezzi biex jgħajjex il-familja tiegħu u jżommha tajjeb, tant hu hekk li mill-introjtu tiegħu dan kien iħallas l-ispejjeż kollha tal-familja, inkluż il-ħlas tal-miżati ta' żewġt itfal fi skejjel privati, imma mill-mument li huwa telaq mid-dar, mingħajr ma daħal fi spejjeż addizzjonali ta' kera ta' proprjetà, dan sab ruħu f'dawn id-diffikultajiet finanzjarji li minħabba fihom naqas milli jimxi mal-ordnijiet tal-Qorti.

Il-Qorti kkonsidrat ukoll dak li qal ir-rikorrent fil-kontroeżami li sarlu fit-30 ta' Jannar, 2019, meta b'dak li qal innewtralizza l-impossibilità li jħallas li huwa dejjem sostna li qiegħed fiha, meta qal li dan il-bilanċ ta' ftit aktar minn sebat elef Euro mhux xi ħaġa li ma tistax titħallas, anki jekk b'ħafna sagrifiċċji. Il-Qorti qieset għalhekk li jekk ir-rikorrent jingħata piena effettiva ta' ħabs, dan ikun minħabba li huwa għażel it-triq li ma josservax l-ordni tal-Qorti, u mhux għax huwa jinsab fl-impossibilità li jħallas.

Il-Qorti kkonsidrat li r-rikorrent qiegħed jilmenta wkoll minn ksur tad-drittijiet tiegħu kif protetti bl-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzjoni Ewropea rigward il-ħarsien tal-libertà tal-persuna. Madanakollu kemm l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 5 tal-

Konvenzjoni Ewropea, it-tnejn jagħmluha ċara li l-arrest jew id-detenzjoni ta' persuna hija permissibbli f'każ ta' nuqqas ta' tħaris ta' ordni tal-Qorti jew fin-nuqqas tal-eżekuzzjoni ta' ordni ta' Qorti. Il-Qrati għalhekk għandhom is-setgħa, li f'każ li persuna tonqos li tosserva ordni leġittima mogħtija minnhom taħt xi dispożizzjoni tal-liġi, jordnaw li dik il-persuna tibqa' detenuta. Fil-każ odjern, ir-rikorrent instab ħati tal-kontravvenzjoni komminata bl-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'każ li dan jintbagħat il-ħabs, dan ser ikun bis-saħħa ta' sentenza tal-Qorti Kriminali li tkun sabitu ħati ta' ksur tal-imsemmi artikolu tal-Kodiċi Kriminali, u mhux għaliex fil-konfront tiegħu ġiet eżerċitata xi forma ta' arbitrarjetà li wasslet biex ir-rikorrent jiċċaħħad mil-libertà personali tiegħu, kif ġie allegat minnu.

In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti mhix sejra tilqa' t-talbiet tar-rikorrent.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

1. **Tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-Avukat Ġenerali u mill-intimata;**

2. **Tiċħad it-talbiet tal-attur.**

**Spejjeż a karigu tar-rikorrent.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Dputat Reġistratur**